**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 512/10 JZM**

1. **Maria Saliba (I.D. No. 2855G)**

2. **Michael Debono (bil-Karta tal-Identita` Numru 240268M) nominat b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta` Settembru, 2009 bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts"; u**

3. **James, Michael u Catherine, ahwa Saliba (bil-Karta tal-Identita` 441601L, 429702L u 430002L rispettivament), ghal kull interess li jista` jkollhom**

***kontra***

1. **Mario Debono [I.D. No. 385366(M)] ;**

2. **The Village Pharmacy Limited (C29487) ;**

3. **Karizia Company Limited (C8001) ; u**

4. **Ir-Registratur tas-Socjetajiet**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fit-<u>18 ta` Mejju 2010</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti James, Michael u Catherine, ahwa Saliba huma ulied id-defunt Joseph Saliba (detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 48654G) li miet fil-25 ta` Settembru, 2007 (certifikat tal-mewt hawn anness bhala Dok. "A").*

*2. Illi skont l-ahhar testment revokatorju tieghu datat 18 ta` Settembru, 2007 in atti Nutar Dottor Pierre Attard (Dok. "B"), l-imsemmi defunt Joseph Saliba kien innomina u istitwixxa lil Julius Nehorai (bil-Karta tal-Identita` Numru 0026843A) bhala eredi uniku u universali tieghu sabiex jircievi u jzomm l-assi ereditarji tieghu on trust.*

*3. Illi fis-17 ta` Dicembru, 2007 permezz ta` dikjarazzjoni depozitata man-Nutar Dottor Pierre Attard (Dok. "C") l-imsemmi Julius Nehorai kien accetta l-inkarigu li jagixxi bhala Trustee tal-imsemmi Trust izda, sussegwentement, permezz ta` Digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) fit-18 ta` Settembru, 2009 l-esponent Michael Debono (Dok. "D") gie nnominat b`effett mit-23 ta` Jannar, 2009 bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts" in sostituzzjoni tal-imsemmi Julius Nehorai.*

*4. Illi r-rikorrenti Maria Saliba hija l-armla tal-imsemmi defunt Joseph Saliba.*

*5. Illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti Maria Saliba u l-imsemmi defunt Joseph Saliba kien gie debitament irregistrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta (Att Numru 159/1979) [certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. "E"].*

*6. Illi r-regim patrimonjali li kien jirregola z-zwieg ta` bejn ir-rikorrenti Maria Saliba u d-defunt zewgha Joseph Saliba huwa dak tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*7. Illi sal-10 ta` Mejju 2005, id-defunt Joseph Saliba kien jiddetjeni ghaxart elef (10,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed fis-socjeta` intimata The Village Pharmacy Limited (C29487), u cioe` nofs il-pakkett azzjonarju f`din is-socjeta` (ara Memorandum & Articles of Association hawn annessi bhala Dok. "F").*

*8. Illi l-ishma ossija shares fis-socjeta` intimata The Village Pharmacy Limited (C29487) li kienu rregistrati f`isem id-defunt Joseph Saliba kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejnu u r-rikorrenti Maria Saliba.*

*9. Illi sal-10 ta` Mejju 2005, id-defunt Joseph Saliba kien jiddetjeni wkoll elfejn u hames mitt (2,500) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed fis-socjeta` intimata Karizia Company Limited (C8001), u cioe` nofs il-pakkett azzjonarju f`din is-socjeta` (ara Memorandum & Articles of Association hawn annessi bhala Dok. "G").*

*10. Illi l-azzjonijiet ossija shares fis-socjeta` intimata Karizia Company Limited (C8001) li kienu rregistrati f`isem id-defunt Joseph Saliba wkoll kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejnu u r-rikorrenti Maria Saliba.*

*11. Illi fil-11 ta` Frar, 2005 ir-rikorrenti Maria Saliba kienet istitwiet fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) proceduri ghal separazzjoni gudizzjarja minn ma` zewgha d-defunt Joseph Saliba – kawza fl-ismijiet "Maria Saliba vs Joseph Saliba" (Citaz. Nru. 39/2005 NC).*

*12. Illi r-rikorrenti Maria Saliba kienet talbet u ottjeniet ukoll il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra zewgha d-defunt Joseph Saliba li permezz tieghu huwa gie inibit milli jbiegh, jassenja u/jew jittrasferixxi l-ishma ossija shares li huwa kellu f`diversi socjetajiet kummercjali fosthom is-socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001).*

*13. Illi dan il-mandat ta` inibizzjoni [Mandat ta` Inibizzjoni Numru 256/2005 fl-ismijiet "Maria Saliba vs Joseph Saliba"] inhareg fil-11 ta` Frar, 2005 (Dok. "H").*

*14. Illi rinfaccjat b`dan il-fatt id-defunt Joseph Saliba kien irrabja hafna u ddikjara lir-rikorrenti Maria Saliba li kien se jaghmel dak kollu possibbli sabiex l-effetti ta` dan il-mandat ta` inibizzjoni jigu vanifikati.*

*15. Illi, di fatti, ftit gimghat biss wara l-hrug ta` `l fuq imsemmi mandat ta` inibizzjoni, ad insaputa tar-rikorrenti Maria Saliba, kienet saret u giet irregistrata mar-Registratur tas-Socjetajiet zieda fil-kapital azzjonarju tas-socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (8001) (vide Doks. "I" sa "J") permezz ta` liema d-defunt Joseph Saliba minn azzjonista li kellu precizament nofs il-pakkett azzjonarju ta` dawn is-socjetajiet sar azzjonista minoritarju stante li –*

*(i) il-kapital azzjonarju tas-socjeta` intimata The Village Pharmacy Limited (C29487) zdied minn ghoxrin elf (20,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed ghal hamsa u erbghin elf (45,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed, bl-azzjonijiet il-godda jittiehdu lkoll mill-azzjonista l-iehor l-intimat Mario Debono, sabiex b`hekk id-defunt Joseph Saliba minn 50% shareholder spicca 22.22% shareholder f`din is-socjeta`; u*

*(ii) il-kapital azzjonarju tas-socjeta` intimata Karizia Company Limited (C8001) zdied minn hamest elef (5,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed ghal tletin elf (30,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed, bl-azzjonijiet il-godda jittiehdu lkoll mill-azzjonista l-iehor l-intimat Mario Debono, sabiex b`hekk id-defunt Joseph Saliba minn 50% shareholder spicca 16.66% shareholder f`din is-socjeta`.*

*16. Illi d-diretturi taz-zewg socjetajiet kummercjali intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) kienu propju d-defunt Joseph Saliba u l-intimat Mario Debono u d-decizjonijiet kienu jittiehdu b`majority vote tal-Bord tad-Diretturi, filwaqt li la r-rikorrenti Maria Saliba u lanqas ir-rikorrenti wliedha ma kienu ufficjali f`dawn iz-zewg socjetajiet kummercjali u ghalhekk ma kinux jippartecipaw u lanqas ma kienu jigu kkonsultati fil-process tad-decizjonijiet u l-azzjonijiet li kienu jiehdu z-zewg socjetajiet kummercjali intimati.*

*17. Illi `l fuq deskritta zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) u l-konsegwenti tibdil drastiku fix-shareholding ta` dawn iz-zewg socjetajiet huma simulati u gew maghmula bl-iskop car li jigu*

*lezi u ppregudikati d-drittijiet u l-interessi tar-rikorrenti Maria Saliba, u dan kif se jigi ampjament spjegat matul it-trattazzjoni ta` din il-kawza.*

*18. Illi jigi rilevat li din il-manuvra li jizdied il-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) saret fl-istess gurnata, u dan minkejja l-fatt li n-negozju ta` dawn iz-zewg socjetajiet huwa kompletament distint il-wiehed mill-iehor u ma kien hemm ebda raguni naxxenti mill-kostituzzjoni u/jew il-modus operandi li bih jithaddmu dawn iz-zewg socjetajiet li kienet tinnecessita` li f`kaz li jkun hemm zieda fil-kapital azzjonarju u konsegwenti tibdil fix-shareholding ta` socjeta` kummercjali minnhom dan kellu jsehh ukoll fis-socjeta` kummercjali l-ohra.*

*19. Illi di fatti l-unika karatteristika li takkomuna dawn iz-zewg socjetajiet kummercjali hija li t-tnejn li huma sidien ta` propjeta` immobbli.*

*20. Illi ghandu jigi rilevat u sottolineat li d-defunt Joseph Saliba kien azzjonista wkoll f`numru ta` socjetajiet kummercjali ohra li fihom ukoll ir-rikorrenti Maria Saliba u r-rikorrenti l-ohra wliedu James, Michael u Catherine, ahwa Saliba ma kinux ufficjali u allura ma kellhom ebda dritt li jippartecipaw fi u/jew jinfluwenzaw il-process ta` decizjonijiet ta` dawn is-socjetajiet, liema socjetajiet kummercjali huma s-segwenti – Surgiquip Limited (C18189), Saleb Holdings Limited (C29450) u Alliance Unichem (Malta) Limited (C23097).*

*21. Illi, minkejja dan, iz-zieda fil-kapital azzjonarju u l-konsegwenti tibdil fix-shareholding sar **biss** relattivament ghaz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) u mhux ukoll is-socjetajiet kummercjali l-ohra fuq imsemmija.*

*22. Illi jigi rilevat li, filwaqt li z-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) huma sidien ta` propjetajiet immobbli u kienu f`sitwazzjoni finanzjarja attiva, is-socjetajiet kummercjali l-ohra fuq imsemmija ma kellhom ebda propjeta`/propjetajiet immobbli u kienu f`sitwazzjoni finanzjarja hazina b`mod li allura kienu biss l-ishma taz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) li kellhom valur u mhux l-ishma tas-socjetajiet kummercjali l-ohra.*

*23. Illi jigi rilevat ukoll li meta saret iz-zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) ma gietx segwita l-prassi normalment segwita biex issir zieda fil-kapital azzjonarju tat-tip u l-estent li allegatament saret. Fil-fatt jirrizulta li filwaqt li z-zidiet fil-kapital azzjonarju fiz-zewg socjetajiet The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) favur l-intimat Mario Debono allegatament saru fi flus kontanti u mhux ghall-konsiderazzjoni ohra, jidher li l-flus, flok hargu mill-but jew kont tal-istess intimat Mario Debono (kif wiehed kien jippretendi kieku tali zieda fil-pakkett azzjonarju kienet wahda reali u mhux simulata kif inhi fil-kaz odjern), hargu mill-kontijiet rispettivi tal-istess zewg socjetajiet intimati u regghu gew investiti f`ishma fl-istess socjetajiet intimati izda f`isem l-intimat Mario Debono.*

*24. Illi ghalhekk, fir-realta` (kif sejjer jigi ppruvat iktar fid-dettal fil-kors tat-trattazzjoni ta` din il-kawza), ma kien hemm l-ebda "zieda" fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet u invece kull ma gara kien li l-intimat Mario Debono u d-defunt Joseph Saliba kienu kkreaw din l-istratagemma sabiex jippregudikaw l-interessi tar-rikorrenti Maria Saliba bl-inqas spejjez u hrug ta` flus possibbli ghalihom u utilizzaw fondi tal-istess zewg socjetajiet intimati sabiex jissimulaw it-tibdil fid-drittijiet propjetarji tal-pakkett azzjonarju fiz-zewg socjetajiet intimati u dan ad insaputa ta` u ghad-detriment tar-rikorrenti.*

*25. Illi tant hu hekk li l-flus hargu mill-fondi taz-zewg socjetajiet intimati li regghu dahlu fl-istess zewg socjetajiet intimati minuti biss wara li ngibdu mill-kontijiet bankarji rispettivi u dan sempliciment sabiex l-intimat Mario Debono seta` jmur ghand l-intimat Registratur tas-Socjetajiet u jipprezenta deposit slips taz-zewg socjetajiet intimati [minghajr liema deposit slips l-istess allegati zidiet fil-kapital ma kinux jigu pprocessati].*

*26. Illi naturalment jigi sottolineat ukoll il-fatt li din iz-zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet intimati The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) bil-konsegwenti kambjament drastiku fix-shareholding ta` dawn iz-zewg socjetajiet intimati saret biss ftit gimghat wara l-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni fuq imsemmi da parti tar-rikorrenti Maria Saliba fil-konfront tad-defunt Joseph Saliba u meta ma kien hemm assolutament ebda indikazzjonijiet fil-kotba u/jew atti ta` dawn iz-zewg socjetajiet intimati li kellha ssir din il-manuvra, liema manuvra lanqas ma kienet rikjesta mill-banek li kienu jiffinanzjaw is-socjetajiet intimati.*

*27. Illi ghalhekk jirrizulta bl-izjed mod car u manifest li z-zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet The Village Pharmacy Limited (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) bil-konsegwenti kambjament drastiku fix-shareholding ta` dawn iz-zewg socjetajiet kienet wahda simulata.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati jew min minnhom ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*(i) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li z-zieda fil-kapital azzjonarju tas-socjeta` intimata The Village Pharmacy Limited (C29487) minn ghoxrin elf (20,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed ghal hamsa u erbghin elf (45,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed li kien gie rregistrat f`isem l-intimat Mario Debono mal-intimat Registratur tas-Socjetajiet fis-16 ta` Mejju 2005 hija nulla u bla effett stante li tali zieda fil-kapital azzjonarju kienet simulata.*

*(ii) prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikkjara li z-zieda fil-kapital azzjonarju tas-socjeta` intimata Karizia Company Limited (C8001) minn hamest elef (5,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed ghal tletin elf (30,000) sehem ossija share ta` Lira Maltija (illum ekwivalenti ghal €2.329373) kull wiehed li kien gie rregistrat f`isem l-intimat Mario Debono mal-intimat Registratur tas-Socjetajiet fis-16 ta` Mejju 2005 hija nulla u bla effett stante li tali zieda fil-kapital azzjonarju kienet simulate.*

*(iii) konsegwentement tordna lill-intimat Registratur tas-Socjetajiet sabiex jannulla, ihassar u jisfilza d-dokumenti kollha li gew sottomessi mis-socjeta` kummercjali intimata The Village Company Limited [C29487] fis-16 ta` Mejju 2005 relattivi ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju fuq imsemmija u ta` kull dokument iehor sottomess u pprezentat minn din is-socjeta` kummercjali intimata kull fejn tidher jew hemm riferenza ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju de quo agitur.*

*(iv) konsegwentement ukoll tordna lill-intimat Registratur tas-Socjetajiet sabiex jannulla, ihassar u jisfilza d-dokumenti kollha li gew sottomessi mis-socjeta` kummercjali intimata Karizia Company Limited (C8001) fis-16 ta` Mejju 2005 relattivi ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju fuq imsemmija u ta` kull dokument iehor sottomess u pprezentat minn din is-socjeta` kummercjali intimata kull fejn tidher jew hemm riferenza ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju de quo agitur.*

*(v) tiddikjara u tordna li l-ispejjez kollha konsegwenzjali ghat-thassir mitlub fiz-zewg talbiet precedenti, inkluz kwalsiasi hlas ta` taxxa, bolol, penali u spejjez ohra, ikunu unikament a karigu tal-intimat Mario Debono.*

*(vi) konsegwentement tikkundanna lill-intimat Mario Debono ghall-hlas tal-ispejjez konsegwenzjali ghat-thassir mitlub fit-tielet u r-raba` talba supra, inkluz kwalsiasi hlas ta` taxxa, bolol, penali u spejjez ohra.*

*(vii) tordna u tikkundanna lill-intimat Mario Debono sabiex jersaq u jaddivjeni ghall-iffirmar ta` kwalunkwe dokument li jista` talvolta jkun mehtieg ghad-dhul fis-sehh u effettiv ta` dak kollu mitlub fit-tielet u r-raba` talba supra ta` dan ir-rikors guramentat u sabiex jottempora ruhu ma` kwalsiasi ordni, talba jew rikjesta li tista` ssir mill-intimat Registratur tas-Socjetajiet sabiex jidhol fis-sehh u jsir effettiv dak kollu mitlub fit-tielet u r-raba` talba supra ta` dan ir-rikors guramentat ; u*

*(viii) tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimati jew min minnhom f`kaz ta` kontumacja u taghtihom il-fakultajiet kollha mehtiega sabiex jiffirmaw kull dokument u sabiex jaghmlu kull att li jista` talvolta jkun mehtieg u necessarju sabiex jidhol fis-sehh u jsir effettiv dak kollu mitlub fit-tielet u r-raba` talba supra ta` dan ir-rikors guramentat.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment ma` dan ir-rikors guramentat, kontra l-intimati jew min minnhom (pero` ad eskluzjoni tal-intimat Registratur tas-Socjetajiet) li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur konvenutipprezentata fit-18 ta` Gunju 2010 li taqra hekk:–

*Illi r-Registratur tal-Kumpaniji jhoss li l-interess tieghu f`din il-kawza huwa limitat ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-operat tieghu bhala Registratur tal-Kumpaniji skont il-ligi fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti.*

*Illi fil-11 ta` Frar 2005 r-Registratur gie notifikat b`mandat ta` inibizzjoni numru 265/2005 mahrug mill-Qorti fl-ismijiet Maria Saliba vs Joseph Saliba liema dokument il-konvenut Registratur pogga fir-Registru bhala unregistered document ghall-informazzjoni tal-pubbliku. Permezz ta` dan il-mandat Joseph Saliba kien gie inibit milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi minn xi ishma f`diversi socjetajiet kummercjali fejn Joseph Saliba kien azzjonist.*

*Illi fis-16 ta` Mejju 2005 r-Registratur ircieva rizoluzzjoni tal-kumpanniji The Village Pharmacy (C29487) u Karizia Company Limited (C8001) fejn l-azzjonisti kollha tas-socjetajiet imsemmija approvaw, inter alia, li l-kapital azzjonarju jigi mizjud u l-ishma l-godda jigu allokati lil Mario Debono. L-istess rizoluzzjonijiet specifikaw il-fatt li dawn l-ishma gew mghoddija lil Mario Debono wara li l-azzjonist l-iehor Joseph Saliba rrifjuta li johodhom. Skont kif jitlob l-Att dwar il-Kumpanniji, mar-rizoluzzjonijiet imsemmija, gew ipprezentati wkoll ghar-registrazzjoni l-istatut gdid, il-formola H u d-deposits slips bankarji li jirriflettu tali tibdil. Illi tali zieda fil-kapital tas-socjetajiet ikkoncernati ma kinitx taqa` taht dan il-mandat ta` inibizzjoni msemmi u ghalhekk wara li l-htigijiet ta` dispozizzjonijiet tal-Att kienu jidhru li gew imharsa r-Registratur ipproceda sabiex jirregistra d-dokumenti pprezentati lilu ghar-registrazzjoni.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpaniji mhuwiex edott mill-fatti kollha hekk kif iddikjarati mill-atturi u ghaldaqstant jirimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpaniji umilment jissugerixxi li kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li d-dokumentazzjoni in kwistjoni ghandha tigi sfilzata jew imnehhija mir-Registru, fis-sentenza, il-Qorti ghandha taghti dawk l-ordnijiet opportuni sabiex il-kumpanniji jkunu jistghu jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom minghajr dewmien. Dan sabiex jigi evitat li tinholoq incertezza dwar il-pozizzjoni tal-kumpanniji u tal-ufficjali taghhom vis-a`-vis terzi persuni.*

*Illi r-registrazzjoni tad-dokumentazzjoni in kwistjoni saret mir-Registratur tal-Kumpaniji in buona fede u fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu skont il-ligi u ghalhekk m`ghandu jbghati ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` din il-kawza.*

Rat ir-risposta guramentata ta` Mario Debono pprezentata fl-14 ta` Lulju 2010 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament, ir-rikorrenti James, Michael u Catherine, ahwa Saliba, m`ghandhom ebda locus standi f`dawn il-proceduri u dan bl-applikazzjoni tal-Art. 3(3) u l-Art. 24 tal-Kap. 331.*

*2. Preliminarjament ukoll, l-attrici Maria Saliba qed titlob il-hall ta` negozju guridiku li ghamel zewgha, illum mejjet. Quindi hija kellha necessarjament tagixxi kontra zewgha jew min illum jirrapprezentah, i.e. l-eredi tieghu Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts". Minflok f`dan il-kaz, kontra kull principju ta`dritt,*

*i. L-attrici fittxet lill-esponenti li mieghu m`ghandha x`taqsam assolutament xejn ; u*

*ii. L-eredi tad-decujus, cioe` it-trustee, qieghed jimpunja l-azzjoni tal-istess decujus li minnu jiret.*

*Ghalhekk, l-azzjoni kif impostata hija improponibbli, u ghandha tigi michuda.*

*3. Fil-mertu, l-eccipjent jichad li z-zieda fil-kapital kienet b`xi mod simulata. Dato ma non concesso li, kif jinghad fil-para. 23 tar-rikors guramentat promotur, "ma gietx segwita <u>l-prassi normalment segwita</u> biex issir zieda fil-kapital azzjonarju tat-tip u l-estent li allegatament saret", ir-rimedju ghal dan in-nuqqas mhuwiex dak li jigi ddikjarat li r-rizoluzzjoni hija simulata.*

*4. Id-decujus ta l-kunsens liberu tieghu ghar-rizoluzzjoni li biha sehhet iz-zieda fil-kapital, u mkien fir-rikors promotur mhu qed jigi allegat li l-kunsens tar-ragel gie ottenut kontra l-volonta` tieghu, jew b`mod iehor illecitu.*

*5. Inoltre, kien biss id-decujus milqut bil-mandat ta` inibizzjoni li l-attrici ggib in sostenn tal-kawza taghha, u mhux l-esponent.*

*6. Fi kwalunkwe kaz, il-mizuri ilmentati ttiehdu fl-interess tas-socjetajiet intimati u kif trid il-ligi.*

*7. Jizdied li b`effett tal-artiklu 4 (h) tal-Articles of Association ta` The Village Pharmacy Limited (Dok. F anness mar-rikors promotur) u tal-artiklu 4 (h) tal-Articles of Association ta` Karizia Company Limited (Dok. G), u ta` zewg ittri rregistrati li l-esponenti baghat liz-zewg kumpaniji fejn infurmahom kif ghandu dritt li hu jopponi li Michael Debono fil-kwalita` tieghu ta` trustee ta` "The J. Saliba Trusts" u Maria Saliba jsiru membri tal-kumpaniji, huma issa obbligati jbieghu l-ishma taghhom lill-esponenti bil-prezz stabbilit mill-awdituri tal-kumapaniji [Art. 4 (i) tal-Articles of Association taz-zewg kumpaniji];*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ta` The Village Pharmacy Limited ipprezentata fl-14 ta` Lulju 2010 li taqra hekk:–

*1. Illi Mario Debono ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` eccipjenti The Village Pharmacy Limited.*

*2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti James, Michael u Catherine, ahwa Saliba, m`ghandhom ebda locus standi f`dawn il-proceduri in kwantu l-uniku interess li jistghu jivvantaw huwa ta` beneficcjarji ta` "The J. Saliba Trusts", u bl-applikazzjoni tal-Art 3(3) u l-Art. 24 tal-Kap. 331 ir-raprezentanza u d-dritt ta` azzjoni hija vestita fit-trustee u mhux fil-beneficcjarji.*

*3. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti Maria Saliba la qatt kienet azzjonista, la qatt hadet xi passi sabiex tigi rregistrata bhala azzjonista, u lanqas ma wirtet azzjonijiet fil-kumpanija eccipjenti u kwalsiasi drittijiet direttament jew indirettament konnessi mal-ishma in kwistjoni kienu rregistrati f`isem zewgha, il-mejjet Joe Saliba u kwindi lanqas hi ma ghandha locus standi f`dawn il-proceduri.*

*4. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni intavolata fil-konfront tal-kumpanija eccipjenti hija intempestiva stante li l-kumpannija eccipjenti qed tigi mharrka minn persuni estranei ghall-kumpanija billi mhumiex azzjonisti*

*rregistrati tal-kumpanija, meta skont l-Articles of Association [Art. 4 (h) tal-kumpanija, sabiex dawn it-terzi jigu annessi bhala membri kellhom jitolbu l-ewwel nett li jigu rregistrati bhala membri u accettati unanimament mill-azzjonisti l-ohra.*

*5. Illi preliminarjament ukoll, l-attur Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts" ma jistax jagixxi kontra dak li ghamel volontarjament l-awtur tieghu stess, jigifieri l-azzjonist Joe Saliba (illum mejjet), liema agir, konsistenti f`illi "though being offered a proportionated number of shares, has declined to take up the offer" (vide Doc. I anness mac-citazzjoni), kien wiehed pozittiv u kkonfermat bil-firma ta` Joe Saliba, u dan kollu sar qabel ma Joe Saliba waqqaf it-Trust li Michael Debono llum jirrapprezenta.*

*6. Illi fil-mertu, oltre l-fatt li z-zieda fil-kapital socjali tal-eccipjenti saret skont il-procedura korretta kif stabbilita mill-Kap. 386, u certament ma tistax tigi impunjata minn terzi estranei, tolqot terz, cioe` l-intimat l-iehor Mario Debono, li m`ghandux jigi ppregudikat minn konsiderazzjonijiet li ma jolqtuhx.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata ta` Karizia Company Limitedipprezentata fl-14 ta` Lulju 2010 li taqra hekk:–

*1. Illi Mario Debono ghandu r-rapprezentanza legali tas-socjeta` eccipjenti Karizia Company Limited.*

*2. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti James, Michael u Catherine, ahwa Saliba, m`ghandhom ebda locus standi f`dawn il-proceduri in kwantu l-uniku interess li jistghu jivvantaw huwa ta` beneficcjarji ta` "The J. Saliba Trusts", u bl-applikazzjoni tal-Art. 3 (3) u l-Art. 24 tal-Kap. 331 ir-raprezentanza u d-dritt ta` azzjoni hija vestita fit-trustee u mhux fil-beneficcjarji.*

*3. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti Maria Saliba la qatt kienet azzjonista, la qatt hadet xi passi sabiex tigi rregistrata bhala azzjonista, u lanqas ma wirtet azzjonijiet fil-kumpanija eccipjenti u kwalsiasi drittijiet direttament jew indirettament konnessi mal-ishma in kwistjoni kienu rregistrati f`isem zewgha, il-mejjet Joe Saliba u kwindi lanqas hi ma ghandha locus standi f`dawn il-proceduri.*

*4. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni intavolata fil-konfront tal-kumpanija eccipjenti hija intempestiva stante li l-kumpanija eccipjenti qed tigi mharrka minn persuni estranei ghall-kumpanija billi mhumiex azzjonisti rregistrati tal-kumpanija, meta skont l-Articles of Association [Art. 4 (h) tal-kumpanija, sabiex dawn it-terzi jigu annessi bhala membri kellhom jitolbu l-ewwel nett li jigu rregistrati bhala membri u accettati unanimament mill-azzjonisti l-ohra.*

*5. Illi preliminarjament ukoll, l-attur Michael Debono bhala trustee ta` "The J. Saliba Trusts" ma jistax jagixxi kontra dak li ghamel volontarjament l-awtur tieghu stess, jigifieri l-azzjonist Joe Saliba (illum mejjet), liema agir, konsistenti f`illi "though being offered a proportionated number of shares, has declined to take up the offer" (vide Doc. I anness mac-citazzjoni), kien wiehed pozittiv u kkonfermat bil-firma ta` Joe Saliba, u dan kollu sar qabel ma Joe Saliba waqqaf it-Trust li Michael Debono llum jirrapprezenta.*

*6. Illi fil-mertu, oltre l-fatt li z-zieda fil-kapital socjali tal-eccipjenti saret skont il-procedura korretta kif stabbilita mill-Kap. 386, u certament ma tistax tigi impunjata minn terzi estranei, tolqot terz, cioe` l-intimat l-iehor Mario Debono, li m`ghandux jigi ppregudikat minn konsiderazzjonijiet li ma jolqtuhx.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat id-digriet li tat fl-4 ta` Ottubru 2010 fejn ordnat li tigi trattata l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Debono, it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village Pharmacy Ltd u t-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia Company Ltd.**

**Rat n-nota prezentata fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2010 fejn kienu ceduti l-atti tal-kawza mill-atturi James, Michael u Catherine ahwa Saliba.**

**Rat li fl-istess udjenza l-konvenut Mario Debono rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu.**

**Rat li fl-istess udjenza l-konvenuta The Village Pharmacy Ltd irtirat it-tieni eccezzjoni preliminari taghha waqt li l-konvenuta Karizia Company Ltd irtirat it-tieni eccezzjoni preliminari taghha.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-25 ta` April 2017 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw l-atturi u l-konvenuti (hlief ghar-Registratur tas-Socjetajiet li ma pprezentax nota ta` sottomissjonijiet).

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-attrici Maria Saliba** xehdet illi miz-zwieg taghha ma` Joseph Saliba twieldu tlett ulied – James, Michael u Catherine. Zewgha kien involut fin-negozju tal-farmacewtika. Kellu diversi kumpanniji li kienu jaghmlu negozju kemm fl-operat ta` spizeriji u kif ukoll fl-importazzjoni u bejgh ta` medicini u prodotti ohra simili. Fil-kumpanniji zewgha kien bi shab mal-konvenut Mario Debono ("**il-konvenut Debono**") u kellhom ishma ndaqs. Il-kumpanniji fejn zewgha kien shab indaqs ma` Debono kienu : Karizia Company Limited ("**Karizia**"), The Village Pharmacy Ltd ("**The Village**"), Saldeb Holdings Limited, Surgiquip Co Ltd u Alliance Unichem (Malta) Ltd.

Kompliet tixhed illi hija bdiet proceduri ta` separazzjoni gudizzjarja kontra zewgha. Il-kawza saret fil-11 ta` Frar 2005 fl-ismijiet *Maria Saliba_vs Joseph Saliba* Citaz. Nru 39/2005 NC. Fil-kors ta` dawk il-proceduri, hija kienet talbet u kisbet il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni nru 256/2005 kontra zewgha fil-11 ta` Frar 2005 sabiex zewgha ma jkunx jista` jbiegh jew jittrasferixxi l-ishma li kelli fil-kumpanniji li semmiet inkluzi Karizia u The Village.

Qalet li The Village kienet is-sid ta` spizerija fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha. Fil-kors tal-kawza ta` separazzjoni, The Village bieghet il-bini ta` l-ispizerija lil terzi pero` zammet l-isem u l-permess, u hadet b`kiri post iehor fi Triq il-Kbira, Mellieha, biex tkopri topera minn hemm.

Kompliet tghid li Karizia hija s-sid ta` spizerija fi Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha. Meta saret il-kawza tal-lum, din l-ispizerija kienet ghadha proprjeta` ta` Karizia, izda fil-kors ta` din il-kawza, il-proprjeta` nbieghet lil terzi. Ipprezenta kopja ta` zewg kuntratti ta` bejgh : wiehed tat-28 ta` Awissu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela ; u iehor tat-22 ta` Dicembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zaffarese. Ghalkemm hija azzjonista ta` Karizia, ma kenitx infurmata jew ikkonsultatha dwar dan il-bejgh. Meta tkellmet ma` Michael Debono li huwa *trustee* ta` J. Saliba Trust ikkonferma li lanqas hu ma kien jaf ; u lanqas ma kien ikkonsultat.

Fissret illi permezz tal-kuntratt tat-28 ta` Awissu 2013, inbieghet lill-konjugi Grima parti mill-binja ta` l-ispizerija. Illum din saret *supermarket.* Bil-kuntratt tat-22 ta` Dicembru 2014, inbieghet l-ispizerija lil GBY Group Limited, li tmexxi katina ta` spizeriji bl-isem ta` Brown`s.

Kompliet tfisser illi zewgha kien irrabbja hafna meta rcieva l-mandat ta` inibizzjoni u qalilha li kienet holqitlu hafna problemi ma` siehbu Debono. Fil-fatt kienet irceviet ittra legali minghand il-konvenut Debono fejn kienet imwissja dwar il-konsegwenzi li l-mandat kien ser ikollu fuq l-istess Debono. Zewgha kien stqarr maghha li kienu ser jaghmlu minn kollox biex minkejja l-mandat ma jkollha x`tiehu xejn min-negozju.

Stqarret illi ftit wara l-mewt ta` zewgha, u wara li saru r-ricerki, sabet illi kienet saret manuvra sabiex l-ishma li zewgha li kellu f`Karizia u f`The Village ma jigu jiswew xejn jew almenu jigu jiswew ferm inqas milli kienu jiswew qabel meta zewgha kellu nofs l-ishma. Il-manuvra biex jitnaqqas il-valur tal-ishma li kellu zewgha saret biss fiz-zewg socjetajiet li semmiet peress li dawn kellhom assi. Il-kumpanniji l-ohra huma mghobbijin bid-dejn.

Qalet illi l-ittra li l-konvenut Debono kiteb lil zewgha u li kienet prezentata fil-kawza waslet ghandha b`mod anonimu.

**<u>L-attur Michael Debono</u>** xehed illi huwa *certified public accountant.*

Xehed illi b`digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Volontarja) tat-18 ta` Settembru 2009, huwa kien mahtur b`effett mit-23 ta` Jannar 2009 bhala t-*trustee* ta` J. Saliba Trusts minflok Julius Nehorai. Ghalkemm bhala *trustee* ma kienx id-detentur registrat tal-ishma li kienu ta` l-mejjet Joseph Saliba, huwa xorta ghandu l-jeddijiet kollha fuq in-nofs indiviz ta` l-istess ishma (fosthom id-dritt li jircievi dividendi) apparti d-drittijiet spettanti lill-azzjonisti fir-rigward tal-laqghat tal-kumpannija. Mary Saliba ghandha jeddijiet fuq in-nofs indiviz l-iehor tal-istess ishma ladarba l-ishma kienu jappartjenu ghall-komunjoni tal-akkwist ta` bejn il-konjugi Saliba.

Stqarr illi meta saret iz-zieda fil-kapital, huwa ma kienx ghadu mahtur *trustee.*

Fisser illi fil-kaz ta` Karizia u The Village, minflok kienet segwita l-procedura illi min johrog il-flus kontanti u jiddepositahom fil-kont tal-kumpannija (fejn tkun sejra ssir iz-zieda fil-kapital) jinghata sehem fil-kumpannija, fil-kaz in kwistjoni gara illi fil-21 ta` April 2005 is-somma ta` Lm25,000 l-ewwel harget mill-kont ta` The Village u kienet depozitata fil-kont ta` Karizia, u kwazi fl-istess hin din is-somma rega` harget mill-kont ta` Karizia u marret fil-kont ta` The Village. Fir-realta` ghalhekk ma kien hemm l-ebda zieda kif titlob il-ligi izda biss stratagemma ngenjuz li kien intiz sabiex iqarraq u jippregudika d-drittijiet ta` Maria Saliba bil-hrug ta` l-anqas spejjez u flus possibbli. Fil-fatt intuzaw fondi taz-zewg kumpanniji sabiex jigi simulat bdil fil-pakkett azzjonarju taz-zewg kumpanniji.

Kompla fisser illi aghar minn hekk wiehed kien jippretendi illi ladarba kienet The Village li kienet depozitat il-flus fil-kont ta` Karizia, wiehed kellu jsib lil The Village bhala azzjonista ta` Karizia, mhux vice versa. Fil-kaz tal-lum gara li l-ishma nghataw kollha lill-konvenut Debono illi ma hareg xejn minn tieghu ghal dawk. Dan sab il-mezz kif ikollu fil-pussess tieghu zewg *deposit slips* ta` zieda ta` kapital illi minghajrhom ir-Registratur tas-Socjetajiet ma kienx jaccetta z-zieda fil-kapital fuq il-formola Form H.

Stqarr illi minn stharrig li ghamel mill-kotba finanzjarji taz-zewg kumpanniji li fihom saret iz-zieda fil-kapital, jirrizulta b`mod car li ma kien hemm xejn illi jikkomuna liz-zewg socjetajiet hlief illi t-tnejn li huma kellhom proprjeta` immobbli. Fil-kumpanniji ohra fejn Joseph Saliba u Mario Debono kienu bi shab indaqs u ma kienx hemm proprjeta` immobbli nvoluta, ma saru l-ebda passi sabiex jinbidel il-kapital azzjonarju b`vantagg ghal parti fuq ohra. Mill-kotba finanzjarji ma tirrizulta ebda raguni kummercjali ghalfejn kellha ssir iz-zieda fil-kapital.

Kompla stqarr illi d-dubbji tieghu komplew jikbru fil-laqgha li saret fl-20 ta` Jannar 2010 ta` Karizia u The Village. Dakinhar Steven Galea kien spjega li l-hames kumpanniji li fihom Mario Debono u Joseph Saliba kienu azzjonisti ndaqs kienu jitmexxew qishom kumpannija wahda virtwali b`tali mod li ma kinux izommu kotba kif suppost ghax kienu jhallsu kontijiet ta` kumpannija wahda mill-flus fil-kont bankarju ta` l-kumpannija ohra. Dan kollu wassal biex hu ma jkollux fiducja li l-*accounts* ipprezentati kienu juru *a true and fair view.*

Qal li l-fatt li z-zieda fil-kapital sehhet biss fir-rigward ta` dawk iz-zewg kumpanniji ma tregiex mal-fatt li dawn kienu mmexxiha b`mod li jhalltu u jaqsmu skont il-bzonn. Id-dubbji tieghu li z-zieda fil-kapital kienet *messa in scena* komplew jikbru meta wiehed jifhem li bil-mod kif kienu qed jitmexxew finanzjarjament il-hames kumpanniji, kien ikun facli hafna li z-zewg azzjonisti juzaw l-istess sistema biex izidu l-kapital tal-kumpanniji b`mod li t-tnejn izommu l-istess sehem relattiv. Il-fatt li dan ma sarx ikompli jindika li din kienet *messa in scena* mill-bidu sal-ahhar.

Stqarr illi sar jaf minghand Maria Saliba illi Karizia kienet bieghet zewg proprjetajiet fl-2013 u fl-2014. Huwa ma kienx infurmat qabel saru l-kuntratti. Sostna li dawk kienu atti ta` natura straordinarja ghal Karizia li l-konvenut Debono ghazel li jiddeciedi wahdu bla ma sejjah laqgha tal-azzjonisti jew bla ma avza lil hadd.

**<u>Il-konvenut Mario Debono</u>** xehed illi huwa direttur ta` The Village u ta` Karizia, li t-tnejn jiggestixxu spizerija. Karizia kellha mmobbli fil-Mellieha. The Village qatt ma kellha proprjeta` mmobbli. Joseph Saliba kien azzjonista mieghu fiz-zewg kumpanniji. Saliba kien ukoll azzjonista mieghu fil-kumpanniji Surgi Group Ltd, Unicamp Ltd u Saldep Holdings Ltd. Minn dawn it-tlieta, tal-ahhar biss kellha proprjeta` immobbli u kienet il-Mellieha.

Kompla jixhed illi qabel miet, Joseph Saliba kien ghaddej minn separazzjoni minn ma` martu Maria Saliba. Huwa kien jaf illi Saliba kellu l-problemi fis-sens illi kien ircieva xi att tal-qorti li huwa pero` ma kienx x`kien. Saliba kien infurmah biss li huwa ma setax jibqa` garanti tal-kumpanniji. Ma qallux li kien sar mandat ta` inibizzjoni kontra tieghu sabiex jinzamm milli jitrasferixxi l-ishma tieghu. Sar jaf bil-mandat meta ghamel ricerka min-naha tieghu.

Stqarr illi f`Mejju 2005, zdied il-kapital azzjonarju ta` Karizia u The Village peress li kien ilu jinhass il-bzonn li jsir hekk.

Fisser illi Saliba kien responsabbli mill-*accounts* izda qatt ma ssottometta *accounts* u qatt ma ried jinkariga lil xi hadd professjonali biex jaghmilhom.

Qal illi l-banek bdew jindagaw l-kwistjoni ghaliex ma kienux saru l-accounts u kien hemm insistenza mill-banek li jizdied il-kapital fil-kumpanniji ghaliex kienu *under capitalised.* Il-bank ta` The Village huwa Lombard Bank plc waqt li l-bank ta` Karizia huwa l-Bank of Valletta plc.. It-tnejn talbu *increase in capital.*

Xehed illi wara l-mewt ta` Joseph Saliba, kellu jsir ezercizzju ta` rikostruzzjoni peress li hafna mid-dokumenti ma nstabux. Spjega li mill-*borrowings* tal-kumpanniji kien jidher car li l-kumpanniji kienu *under capitalised.*

Qal illi zdied f`dawk iz-zewg socjetajiet biss ghaliex dwar dawn kien hemm problema mal-banek. Dawn kienu wkoll il-kumpanniji li kellhom hwienet u impjegati. Il-kumpanniji kellhom responsabilitajiet kbar u kien hemm urgenza li jigu kapitalizzati.

Kompla jghid li qabel ma sar l-*increase in capital*, l-ishma rispettivi tal-azzjonisti kienu ugwali. Meta zdied il-kapital, is-sitwazzjoni nbidlet fis-sens li fil-kaz ta` Karizia, l-ishma gew 94% hu u 6% Saliba waqt illi fil-kaz ta` The Village l-ishma gew 78 % hu u 22% Saliba.

Stqarr illi meta kien notifikat il-mandat ta` inibizzjoni, il-banek insistew li jizdied il-kapital tal-kumpanniji. Bil-mandat ta` inibizzjoni, kienu ffrizati l-*overdraft accounts* taz-zewg kumpanniji u ghalhekk il-banek ma

setghux jibqghu jserrhu fuq il-garanziji ta` Saliba. Huwa stess spicca hareg il-garanziji u kienu kapitalizzati l-flus li huwa kellu jiehu mill-kumpanniji. Meta sar jaf bil-hrug ta` l-mandat ta` inibizzjoni, ikkonferma li tkellem ma` Saliba dwar dak li kellu jsir. Maria Saliba kienet diga` ghamlet manuvri kontra kumpanniji ohra li kellu ishma fihom zewgha u ghalhekk huwa kien joqghod ferm attent.

Kompla stqarr illi z-zieda fil-kapital taz-zewg kumpanniji sehhet billi kien hemm bdil ta` flus li huwa kellu jiehu mill-kumpanniji. Il-karti u r-rizoluzzjoni relattiva ghal dan gew ippreparati minn Saliba stess. Insista li saret kapitalizzazzjoni ta` flus li huwa kien hareg ghall-kumpanniji kollha. Sostna li kien hemm diversi okkazzjonijiet meta huwa kellu jpoggi flus fil-kumpanniji biex dawn ikomplu ghaddejjin bin-negozju. Dwar dawn l-esborsi mbaghad saret rikapitalizzazzjoni taghhom.

Kompla jixhed li huwa dam direttur wahdu fil-kumpanniji ghal madwar sentejn.

Spjega li l-*accounts* illum kwazi saru kollha u gew *up to date*, partikolarment minhabba li kien hemm multi qawwija x`jithallsu lill-MFSA. L-*accounts* kienu approvati mill-Bord u gew notifikati lill-laqgha generali tas-*shareholders*. Ghal din il-laqgha attenda huwa biss.

Qal li skont il-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpanniji, Michael Debono u Maria Saliba mhux rikonoxxuti jew registrati bhala azzjonisti. Kien hemm diversi okkazjonijiet fejn setghu ottempraw ruhhom mal-ligi u mal-*memorandum* u *articles* izda dawn baqghu ma ghamlu xejn. Kemm Maria Saliba u kif ukoll Michael Debono bhala *trustee* kienu nfurmati b`avvizi ta` laqghat generali annwali f`tentattiv biex jintlahaq ftehim bonarju. Lanqas ghamlu dikjarazzjoni *causa mortis.* In-nuqqas taghhom qieghed lill-kumpanniji fi problemi kbar. Meta ltaqa` ma` Maria Saliba, din kienet qaltlu illi riedet nofs ta` kollox u li ma kenitx qeghda tirrikonoxxi t-*trust* li kien ghamel zewgha.

Sostna li Joseph Saliba kellu jaghti lill-kumpanniji u lilu ammont kbar ta` flus. Id-Dipartiment tat-Taxxi wkoll kien kreditur.

Qal illi huwa kien ghadu jiffaccja l-problemi peress li huwa baqa` direttur.

Xehed illi bosta kienu l-okkazjonijiet matul is-snin illi kien hemm ta` injezzjonijiet ta` likwidita` f`Karizia u The Village. Huwa kien ghamel diversi *cash injections* kemm fil-kontijiet tal-bank kif ukoll fil-*cash floats*. Huwa biss ghamel dawn il-versamenti ta` flus.

Kompla jixhed illi f`April 2002, huwa qieghed flus ghad-disposizzjoni taz-zewg kumpanniji fl-ammont totali ta` Lm19,000 (EUR 44,258.09), li kienu depozitati fil-kont li The Village kellha ma` HSBC. In segwitu saru depoziti fil-kontijiet bankarji u/jew *cash floats* taz-zewg kumpanniji fis-snin 2003 u 2004 fl-ammont globali ta` Lm49,282.20c (EUR 114,796.64).

Ipprezenta *statements* tal-kumpanniji in kwisjtoni kif ukoll *statement* tieghu personali li juru xi whud minn dawn id-depoziti.

Qal li l-injezzjonijiet l-ohra saru permezz ta` trasferimenti ta` *cash* fil-*cash floats* tal-kumpanniji in kwistjoni jew permezz ta` pagamenti da parti tieghu ta` xi kontijiet tal-kumpanniji.

Spjega li sal-21 ta` April 2004 huwa kien ghamel *cash injections* fl-ammont komplessiv ta` Lm68,282.20.

Sostna li Joseph Saliba ma ghamel l-ebda kontribuzzjoni fi flus lill-kumpanniji.

Ikkonferma li Lombard Bank u Bank of Valletta ghamlu pressjoni sabiex jizdied s-*share capital*. Ghar-rigward ta` Lombard Bank, il-persuni li kellhom kuntatt maghhom kienu Mark Gauci u Anthony Bezzina mentri ghar-rigward ta` Bank of Valletta, kien hemm Joseph Spiteri, David Tabone, Raphael Pullicino, Anthony Falzon, Carmel Axiaq u Mario Gouder.

Kompla jixhed li wahda mir-ragunijiet ghalfejn il-banek kienu qed jinsistu ghall-*increase in share capital* kienet illi huma dejjem baqghu diffidenti dwar il-propjeta` li Joseph Saliba kien qed joffri bhala garanzija, billi huwa kien dejjem iwieghed li jzomm l-*accounts* ta` l-kumpanniji *up to date* izda qatt ma ghamel hekk. Darba minnhom wara rikjesta tal-Bank of Valletta, huwa kien mar wahdu ghandhom u kien mistoqsi dwar dan in-nuqqas. Huwa personalment kien hassu skomdu hafna. Huwa kien ipprova

jiddefendi l-pozizzjoni tal-kumpanniji nonostante n-nuqqasijiet ta` Joseph Saliba izda ma kellux wisq success.

Stqarr illi l-apice waslet meta bdew il-proceduri tas-separazzjoni bejn il-konjugi Saliba.

Qal illi l-banek ma kienux qed ihossu ruhhom garantiti bizzejjed u ghalhekk ghamluha cara mieghu illi kienu sejrin jistriehu fuq il-garanziji tieghu biss. Huwa kien l-uniku li ghamel injezzjoni ta` flus fil-kumpanniji. Ghalhekk ftiehem ma` Joseph Saliba sabiex jigu kapitalizzati ftit mill-ammonti li hareg hu fil-kumpanniji, bil-konsegwenza li jizdied is-*share capital* u jiehu l-ekwivalenti ta` Lm50,000 lura f` *shareholding*. Dak iz-zmien Joseph Saliba ma kellux mnejn jitfa` flus fil-kumpanniji, partikolarment ghaliex il-mara tieghu kienet issekwestrat l-assi kollha tieghu. Ghalhekk huwa stess kien ippropona li fl-interess tal-avvjament tal-kumpanniji jsir xorta wahda awment fil-kapital bis-*shares* il-godda jittiehdu minn Debono. Hu u Saliba qablu bla riservi li l-awment fil-kapital azzjonarju ta` Karizia u The Village isiru kif saru hekk kif jirrizulta mir-rizoluzzjonijiet. Inoltre peress li hu biss kien hareg, hu u Saliba ftehmu li Karizia u The Village kellhom iroddulu total ta` Lm50,000 (Lm25,000 kull socjeta`) u li huwa kien ser juza dawk il-flejjes biex ihallas ghall-ishma li hargu f`ismu fiz-zewg kumpanniji. Sabiex ma jikkomplikawx il-*book entries,* Saliba kien ippropona illi minflok ma` l-kumpanniji jghaddulu Lm25,000 kull wahda u huwa jerga` jiddepozitahom, Karizia kellha tghaddi l-ammont dovut minnha lilu u cioe` Lm25,000 direttament lil The Village sabiex tithallas il-konsiderazzjoi ghall-hrug tal-ishma godda f`ismu f`The Village mentri The Village kellha tghaddi l-ammont dovut lilu ossija Lm25,000 direttament lil Karizia sabiex tithallas il-konsiderazzjoni ghall-hrug tal-ishma godda f`ismu go Karizia. B`hekk filwaqt li l-flus ghaddew minn Karizia ghal The Village u vice versa, dawn il-flus kienu thallsu ghalih ghaliex iz-zewg kumpanniji kellhom jaghtuh s-somma ta` Lm25,000 kull wahda. Biz-zieda fis-*share capital* tal-kumpanniji, huwa kiseb il-maggoranzja tal-pakkett azzjonarju.

Kompla jixhed illi huwa ma kienx ipprezenta l-kontijiet tal-2004 u tal-2005 fuq parir legali.

Ikkonferma li l-*cash injection* ghal *capitalisation* tas-*shareholders` loan* saret minn fondi tieghu li kienu qeghdin go kontijiet il-bank.

Xehed illi fid-Dok MD1 hemm indikati flus li huwa hallas personalment f`The Village sabiex tkun tista` tinxtara spizerija. Fid-9 ta` April 2002 kien depozitat l-ammont ta` Lm19,000. Parti mill-flus intuzaw sabiex jithallas id-depozitu u parti ntuzaw biex jithallsu kontijiet tal-kredituri ta` Karizia. Kien kont gdid. Sar zbank ta` din is-somma biex biha jithallas dejn li l-kumpanniji kellhom. Sahaq illi d-Lm19,000 kienu flus li huwa kien qala` minn bejgh ta` proprjeta`.

Kompla jixhed illi fid-Dok MD2, l-ammonti ta` Lm600 u ta` Lm3000 kienu depoziti u mhux *withdrawals*.

Qal illi fid-Dok MD3 sa Dok MD7 jidhru ammonti li dahlu effettivament fil-kont ta` Karizia. Huma ghamel dawk id-depoziti kif jirrizulta minn notamenti personali li kien ghamel. Hafna mill-flus li kien jaghti lil Saliba kienu in kontanti u ma jirrizultawx mid-dokumenti ezebiti. Kien hemm okkazjonijiet fejn kien hemm cheques li huwa dawwar fuqu direttament u kien hemm ohrajn fejn kien hemm *cash* ukoll. Kien hemm versamenti ta` flus li huwa ma nkludiex minkejja li huwa kien ha notament personali dwarhom, izda peress li ma kienx jiftakar id-dettalji precizi, huwa ghazel li ma jinkludix dawk id- depoziti. Spjega li kien hemm ukoll ammont sostanzjali li ma kitibx fosthom Lm30,000. Sostna li kien hemm *revenue* li gie mitluf u ma giex rikonoxxut fl-*accounts*. Kompla jghid li fin-notamenti tieghu, kien hemm flus li kienu depozitati wkoll izda ma kienx cert fejn marru. Kien hemm ukoll flus deskritti bhala *unrecognized revenue* li kellu johrog hu ghaliex il-banek ma setghux jiddependu iktar fuq il-garanziji ta` Joseph Saliba.

Kompla jixhed illi l-ftehim verbali ma` Saliba kien li huwa kien ser juza l-proprjetajiet tieghu u kien qed jippretendi lura l-flus kollha li hareg. Dan l-*unrecognized revenue* kien jammonta ghal madwar Lm35,000 peress li l-proprjeta kienet tikkonsisti f`garaxx kbir li kien jikri ghall-karozzi u li imbaghad ma baqax hekk jinkera.

Ghamel kjarifika fis-sens illi wara li ghamel il-konteggi tieghu, sab li l-figura ta` Lm25,000 li kien semma ma kenitx korretta ghaliex il-figura kienet akbar minn hekk.

Kompla jghid li l-flus li hareg inghataw b`self lill-kumpanniji u kellhom jithallsu lura.

Qal illi l-ftehim kien illi kemm hu u kemm Saliba ma jihdux flus mill-kumpanniji sakemm dawn jigu fuq saqajhom. Ma kienx hemm zmien miftiehem sa meta kellu jithallas lura l-flus li ta b`self.

Mistoqsi jekk fl-*accounts* ta` Karizia ghas-sena li ghalqet Marzu 2004 jissemmewx dawn il-flejjes li huwa ghadda lill-kumpannija, huwa wiegeb li dawk kienu nkluzi fil-parti ntitolata *"other creditors".*

Muri l-*accounts* ta` The Village ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2004, stqarr li s-*share capital* ta` Lm20,000 kien hargu kollu hu.

Mistoqsi dwar jekk fl-*accounts* kienx hemm riflessi l-flus li kien ghadda lill-kumpannija, huwa insista li l-kumpannija kienet ghadha gdida u li suppost kellhom jidhru fil-parti *"other creditors".* Il-*liabilities* kienu jammontaw ghal Lm92,561 u l-kumpannija kellha *overdraft* ta` Lm35,000. Fil-parti *"other creditors",* kien hemm biss imnizzel Lm13,000 u li dak iz-zmien meta saru l-*accounts*, huwa kien hareg minn butu Lm9,000.

Sostna li ghalkemm huwa kien direttur flimkien ma` Saliba, huwa kien kemm-il darba jinsisti mieghu biex isiru l-*accounts*. Saliba kien jghidlu li dawn qed isiru. Kien imur ghand l-*accountants* izda meta vverifika, dawn kienu jinfurmawh li Saliba ma kienx qed jiehu d-dokumenti li qed jintalab. Wara l-mewt ta` Saliba, huwa dam tlett snin jipprova jaghmel rikostruzzjoni tal-*accounts* tal-kumpanniji kollha taghhom. Insista li Mary Saliba kienet qed izomm dokumenti tal-kumpannija li jaslu ghandha u ma kellux access ghalihom.

Qal illi l-karti sabiex jigi attwat dak il-ftehim verbali li sar ma` Saliba sabiex jigi kapitalizzat parti mill-ammont li huwa kien hareg fil-kumpanniji kienu ppreparati minn Joseph Saliba.

Spjega li l-bank kien ilu jinsisti li jizdied is-*share capital* u dan minhabba li hafna drabi, l-kumpanniji kienu qed jiehdu aktar flus minn dawk *available.* Qabel mal-bank jaghti lill-kumpanniji aktar facilitajiet, kien hemm bzonn li l-kapital tal-kumpanniji jkun aktar fis-sod. Irrileva li hafna darbi, il-kumpanniji kien ikollhom problemi ta` likwidita u kien hu li johrog il-flejjes.

Ikkonferma li l-ftehim ta` bejniethom wassal biex Karizia harget il-flus biex saret iz-zieda fil-kapital ta` The Village filwaqt illi The Village harget il-flus biex saret iz-zieda fil-kapital ta` Karizia. Dan ma kien inehhi xejn mill-fatt li kemm Karizia kif ukoll The Village kellhom jaghtu flus lilu.

Muri d-dokumenti ufficjali li jidhru fis-sit tal-MFSA dwar iz-zieda fil-kapital, huwa qal illi fil-parti fejn kien hemm imnizzel *"description of shares, number of shares allotted to twenty five thousand"*, kien hemm stipulat li "*this section must be completed for allotments made for cash."* Din kienet tirrigwarda s-Sezzjoni A tal-formula. Imbaghad fis-Sezzjoni B, kien hemm imnizzel li "*Made for allotments, made other than for cash".* Huwa baqa` jsostni li ma kienx hemm *cash injection* minkejja li fil-formula apozita, kienet kompletata l-Parti B. Il-formola mlieha Saliba u kien l-istess Saliba li ffirmaha.

Ikkonferma li meta mtliet il-formula dwar zied fis-*shares,* huwa kien il-beneficjarju.

Mistoqsi kif l-ishma ma gewx mizjuda fl-isem taz-zewg kumpanniji stess ladarba kienu huma li ffinanzjaw iz-zieda fil-kapital, huwa sostna li l-kumpanniji kellhom jaghtu lilu u ghalhekk l-ishma kellhom jghaddu fuq ismu.

Stqarr illi ghalkemm huwa hareg flus ghall-kumpanniji, Saliba kien qed jiehu flus mill-kumpanniji mentri huwa ma kien qed jiehu xejn. Jekk il-kumpannija kienet qed tiggenera certu *unrealized income*, Saliba kien qed jiehdu kollu hu meta in effetti kellu jiehu biss nofs dak id-dhul. Kien ghalhekk li huwa kien qed iqis sehmu ammontanti ghal nofs (li ma kienx qed jiehu) bhala kreditu favur tieghu.

Kompla jixhed illi ftit qabel miet Saliba, huwa kien ftiehem mieghu sabiex biex jigi nkarigat l-*accountant* Stephen Galea sabiex jaghmel ezami fid-dettall ta` l-*accounts* ta` Karizia u The Village. Meta sar dan l-ezami, irrizulta li rrizulta li huwa kien hareg ferm aktar minn Lm70,000. Spjega li huwa kien dejjem jghid lil Saliba sabiex meta jkollu bzonn jiehu flus izda kellu jroddhom. Huwa ma kienx jaf li Saliba kien qed jiehu kwantita` kbira ta` flus. Sab infatti li kien qed jiehu Lm1,500 fix-xahar. Sostna li Saliba kien ammetta mieghu xi xhur qabel saret iz-zieda fil-kapital, li huwa kien ha bejn Lm60,000 u Lm70,000.

Mistoqsi ghala ma kienx sar ftehim bil-miktub wara li sar jaf illi Saliba kien ha dawk il-flus kollha, huwa qal li Saliba kien habib tieghu u kien jafdah izzejjed.

Ikkonferma li z-zieda fis-*share capital* sehhet snin qabel miet Saliba.

Muri Dok CC1 ikkonferma li huwa kiteb din l-ittra u ffirmaha. L-ittra ntbaghtet lil Joseph Saliba li dak iz-zmien kien qed imut. Huwa ried iserrahlu mohhu dwar hafna affarijiet. L[-ittra ntbaghtet b`risposta ghal ittra datata 23 ta` Settembru 2007 (Dok CC2). Saliba kien l-isptar u talbu biex imur hdejh. Hemm tah Dok CC2. Dak iz-zmien li saret l-ittra, Saliba kien lucidissimu u kien kapaci jittajpja.

Ikkonferma li Julius Nehorai kien jigi haten Joseph Saliba u kien it-*trustee* tieghu. Meta mar l-isptar, kien hemm Julius Nehorai u l-ittra kienet iffirmata minn Saliba fil-presenza tieghu u ta` Nehorai. Saliba kien imbaghad tah l-ittra ffirmata fil-prezenza ta` Nehorai. Insista li Mary Saliba kienet ilha tattakka lill-kumpanniji u lin-negozju taghhom. Semma kaz fejn kienet kitbet lil ditta partikolari sabiex hi tibda ggib il-prodotti ta` dik id-ditta fuq il-kumpannija taghha.

Sostna li huwa ma kienx jaf li l-koppja Saliba kienet ser tissepara meta saret iz-zieda fis-*share capital.* Dok CC3 intbaghtet mill-avukat tieghu wara li sar jaf bil-mandat peress li Saliba ma riedx ighidlu x`kien ighid il-mandat. Sa dak iz-zmien ma kienx jaf illi Saliba kienu ser jisseparaw.

Qal illi l-ittra Dok CC2 inghatat lilu jumejn qabel miet Saliba.

Spjega li l-ittra Dok CC1 nghatat *by hand* lil Saliba. Huwa probabbli li nghatat lil Saliba qabel Dok CC2. Spjega li l-kumpanniji ma kellhomx awditur minhabba li l-*accounts* ma kinux qed isiru b`mod regolari minn Saliba. Kien biss fl-ewwel sena ta` l-operat ta` kull kumpannija rispettiva li saru *audited accounts.* L-awditur tal-ewwel sena kien William Spiteri Bailey.

Xehed illi meta saret iz-zieda fis-*share capital,* ma kienx hemm *up to date audited accounts.* Meta l-banek kienu jitolbu dokumenti, Saliba kien jipprezenta *management accounts* li kien jipprepara u jiffirma hu stess. Saliba ma kienx jghaddilu kopja ta` dak li ighaddi lill-banek.

Ippreciza li l-inkarigu ta` Stephen Galea kien ghadu ghaddej peress li baqa` l-*accountant* tal-kumpanniji.

Qal illi Galea bena l-*accounts* mill-gdid billi kien inghata dokumenti minn Saliba u wara l-mewt tieghu, instabu aktar dokumenti. Imbaghad l-*accounts* bdew jarawhom l-awdituri sena wara sena. Galea ghadda s-snin kollha sa l-2010. L-*accounts* kienu pprezentati l-MFSA. Kien ezercizzju difficli peress li kien hemm diversi dokumenti nieqsa kif ukoll wara l-mewt ta` Saliba, huwa nghata *laptop* tal-kumpannija li minnu kienet tnehhiet l-informazzjoni kollha. Dan il-*laptop* wasal ghandu xahar wara l-mewt ta` Saliba.

Fisser illi l-ammont imnizzel fiz-zieda ta` *share capital* inhadem fuq stima li ghamel Saliba.

Ikkonferma li huwa kien hareg l-*starting capital* tal-kumpanniji u kien hareg aktar spejjez li jammontaw ghal bejn is-Lm70,000 u l-Lm75,000. Huwa kien accetta l-ammont li semma Saliba bhala li kellu jiehu hu, izda ghamilha cara li kien hemm aktar ammonti li kien ghadda lill-kumpanniji u li kellu kienu lura.

Qal illi biz-zieda fis-*share capital*, huwa ma hax dak kollu li kellu jiehu. Huwa zamm notamenti personali tal-flus li kien jaghti lill-kumpanniji izda qatt ma talab lil Saliba jiffirmalu xi dokumenti biex jikkonferma li huwa kien qed johrog dawk il-flejjes filwaqt li Saliba ma kien qed johrog xejn. Lanqas ma kienu jsiru rizoluzzjonijiet tal-kumpannija li din kienet ha tissellef flejjes minghandu.

Qal illi wara l-ittra li baghtet Mary Saliba, Lombard Bank qaghad lura milli jiehu azzjoni ghajr ghall-kwistjoni taz-zieda fis-share capital minhabba garanzija addizzjonali li huwa ta lill-bank. Ghar-rigward tal-Bank of Valletta, kienu nfurmati li ma setax jistrieh fuq l-ebda garanzija li jaghti Saliba. Minhabba l-garanzija tieghu, l-*overdraft* kien ikkonceda l-Bank of Valletta baqa` jopera waqt li Lombard Bank waqqaf l-*overdraft.* Sabiex il-kumpanniji jibqghu ghaddejjin, huwa kellu johrog Lm15,000 wara li l-Lombard Bank waqqaf l-*overdraft.*

Stqarr illi meta saret iz-zieda fis-*share capital,* huwa ma kienx jaf li Saliba kellu problemi ta` sahha.

Sahaq illi l-flus li kien qed jaghti lill-kumpanniji gew dokumentati fl-*statements* tal-kumpannija.

**<u>Stefan Bonello Ghio</u>** xehed illi huwa *accountant* u awditur.

L-ewwel sett ta` *accounts* li ghamel *audit* fuqhom kienu dawk tas-sena li ghalqet 31 ta` Marzu 2003 fir-rigward ta` Karizia u dawk tas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2002 fir-rigward ta` The Village. Huwa ffirma l-audits fil-11 ta` Dicembru 2009. Imbaghad marru ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji wara dik id-data. L-audits kienu gew sottomessi flimkien fis-sens li kienu dahlu *accounts* ta` diversi snin fl-istess hin ghaz-zewg kumpanniji.

Kompla jghid illi l-audit tal-accounts sar fl-istess zmien peress li kien hemm *backlog*.. Skont l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005 id-diretturi ta` The Village u ta` Karizia kienu Mario Debono u Joseph Saliba.

Spjega li skont l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005, The Village kienet *solvent,* izda *cash at bank* kienet negattiva. Infatti, fl-ahhar tas-sena, il-*cash at bank net balances* kienu bil-*minus* Lm3,804 pero` l-kumpannija kienet likwida.

Stqarr illi huwa ma kienx involut fiz-zieda tas-*share capital*. Sostna li s-*share capital* gie ikkreditat b`dik iz-zieda u s-*shareholders/ directors` account* kien debitat bl-istess ammont.

Kompla jghid li fil-Form H lir-Registratur tal-Kumpanniji, tnizzel illi z-zieda fil-kapital kienet saret tramite *cash injection*. Tali *cash injection* solitament issir a favur tal-kumpannija. Il-procedura sabiex issir *cash injection* hija li l-ewwel ikun hemm rizoluzzjoni. Il-Form H partikolari saret peress li The Village ziedet il-kapital minn Lm20,000 ghal Lm50,000. Il-beneficjarju ta` l-ishma kien Mario Debono.

Xehed illi l-*ordinary share capital* tal-kumpannija kien akkreditat bl-ammont ta` Lm25,000 filwaqt li s-*shareholder`s account* ta` Mario Debono gie debitat b`Lm25,000. Dan sehh kemm fil-kaz ta` The Village u kif ukoll fil-kaz ta` Karizia. Il-*credit entry* kien *share capital increase* u ghalhekk l-

*corresponding debit entry* kien fl-*account* ta` Mario Debono. Ma jirrizultax min effettivament hareg dawn il-flus.

Spjega li *trade creditors* huma flus li jridu jithallsu lill-kredituri tal-kumpannija fir-rigward ta` *trade transactions*. Ikkonferma li l-*allotment* ta` l-ishma kien favur specifikament lil Mario Debono.

Kompla jixhed illi fin-note 6 tal-*accounts* tas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2005 intestata "*other creditors*", kien hemm imnizzel bilanc ta` Lm59,132 li fihom Lm23,878.94 jirraprezenta l-bilanc ta` Mario Debono.

Stqarr illi meta kien qed isir l-*audit*, saret verifika mal-*book keeping transaction* u kien hemm konferma li kienet tajba. Ghalhekk l-audit kien approvat.

**Steven Galea** xehed illi huwa *accountant* u awditur.

Xehed illi huwa kien inkarigat minn Mario Debono u Joseph Saliba sabiex jaghmel l-*accounts* tal-kumpanniji taghhom. Beda jahdem fuq il-kontijiet fl-2006. Xhin tlestew, l-*accounts* marru ghand l-awditur Stefan Bonello Ghio. L-awdituri ta` qabel dan kienu Falzon & Falzon. Huwa kien beda jahdem fuq l-*accounts* minn dokumenti li kien inghata minn Saliba.

Qal li huwa pprepara l-*accounts* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2005. Huwa kien l-*accountant* ta` kull *audit* li ghamel Bonello Ghio fir-rigward ta` dawn il-kumpanniji. Ikkonferma li saret zieda fis-*share capital* izda dak iz-zmien huwa ma kienx involut. Iz-zieda kienet minn Lm20,000 ghal Lm45,000. Meta jkun ser jizdied il-kapital, isir *annual general meeting* sabiex l-azzjonisti jaghmlu l-formuli li imbaghad imorru r-Registru tal-Kumpanniji.

Sostna li biex saret iz-zieda fis-*share capital*, kien hemm *transfer* minn kont bankarju ta` kumpannija ghall-iehor. Mistoqsi r-raguni ghalfejn ma tnizzilx li The Village kellha investiment go Karizia, u vice versa, huwa spjega li ma kienx hekk fil-fatt.

Huwa qal li kien cert mid-dokumenti li kien hemm li saret zieda fis-*share capital*. Solitament meta azzjonista jkjollu jiehu flus, il-kumpannija tohrog cheque lill-azzjonista u dan jerga` jiddepozitah fil-kumpannija.

Fil-kaz tal-lum, kien hemm kreditu ta` *share capital* li kien addebitat fil-kont ta` Mario Debono. Dan kien ghamel varji depoziti ta` flus lill-kumpanniji li kienu ilhom jakkumulaw. Originarjament kien hemm ammonti dovuti mill-kumpanniji lil Mario Debono u ghalhekk Debono thallas lura lura flus li kien hareg. Mistoqsi ghaliex fin-note 6 ta` l-*accounts* l-ammont tad-debituri ma kienx naqas, huwa spjega li kien hemm debituri ohra u ghalhekk l-ammont zdied u mhux naqas.

Ikkonferma li s-*share capital* tal-kumpanniji zdied u din iz-zieda marret favur Mario Debono.

Spjega li Dok SG1 huwa d-dokument dwar il-kont li kellu Mario Debono ma` The Village. Id-depoziti li jkunu saru jkunu fuq in-naha tal-krediti (*credit)* u l-flus li jkunu ngibdu jkunu fuq in-naha ta` debiti (*debit)*. Ma setax jiftakar jekk kienx informa lill-awditur dwar il-fatt li nonostante li z-zieda fis-*share capital* saret favur Mario Debono, il-flus effettivament ittiehdu minn kontijiet separati u ta` kumpanniji u mhux minn kontijiet ta` Mario Debono.

Ipprezenta lista tad-debituri ta` The Village u Karizia.

Qal illi skont Dok SG4, fl-ahhar tas-sena 2004, l-unici debituri ta` The Village kienu Alliance Unichem Ltd u Karizia. Skont Dok SG1, Mario Debono kellu jiehu minghand The Village s-somma ta` Lm1,121.06. Dak li pprezenta huwa *a summarized balance sheet* u ghalhekk ma tinstabx *entry* f`dik il-*balance sheet* li tindika *shareholders` loan.*

Spjega li fid-Dok SG1, jirrizulta illi kien hemm caqlieq fil-*current account* ta` Mario Debono li jirrifletti s-*share increase* li sehh. Kien hemm hafna *inter account transactions* u ghalhekk fl-ahhar tas-sena jkun hemm *tidying up* hekk kif fil-fatt sar meta tnehhiet is-somma ta` Lm25,000. Fin-nuqqas, il-bilanc kien ikun dak ta` Lm26,121.

Dwar Karizia, huwa spjega li d-dokumenti relattivi huma Dok SG 2 u SG3. Fl-ahhar tas-sena li ghalqet Marzu 2004, Mario Debono kellu jaghti lil

Karizia s-somma ta` Lm28,274.33. F`dawk id-dokumenti hemm imnizzel li kien hemm hlas ta` Lm25,000 sabiex ikun hemm *set off* ta` ammont dovut lil The Village. Sahaq illi Mario Debono kellu jiehu minghand The Village. Mario Debono kellu jiehu Lm25,000 u hadhom lura f` kumpannija ohra. Meta l-kontijiet tal-kumpanniji huma bejn xulxin, isir dan it-*tidying up* biex terzi persuni ma jippreokkupawx ruhhom jaraw daqshekk kredituri u/jew debituri.

Qal illi fl-ahhar ta` Dicembru 2001, The Village kienet *at a loss* peress li bhala profitti kienet tilfet Lm7,500. Kien hemm imnizzel Lm92,561 bhala *other creditors* liema somma kienet tkopri *bank overdraft, trade creditors, accruals* u *deferred income.*

Fl-*accounts* ghas-sena li ghalqet Marzu 2005, Karizia kellha *retained earnings* ta` Lm19,963. Jekk ikun hemm *shareholder`s loan* din titnizzel bhala *entry* taht *other creditors.*

Fil-**kontroezami** kkonferma li l-pagamenti li hemm imnizzla fl-affidavit a fol 115 jikkoncidu mal-konteggi li ghamel hu.

Stqarr illi f`The Village, Mario Debono ghamel depoziti ammontanti ghal : Lm23,500 - Marzu 2004 ; Lm1,000 - Marzu 2002 ; Lm3000 - Gunju 2003 ; Lm7000 - Dicembru 2003 ; Lm3,000 - Dicembru 2003 ; u Lm3,121 - Jannar 2004. Kien total ta` Lm40,621 li marru ghand The Village minghand Debono u Lm49,782 ghand Karizia.

Kompla jghid li abbazi tad-dokumenti jidher li Saliba kien ghamel depozitu ta` Lm5000 ghand Karizia f`Marzu 2005 wsaqt li fil-kaz ta` The Village, Saliba ma kienx ghamel depoziti.

Kompla jghid illi l-pagamenti li ghamel Debono kienu flus li tpoggew fil-kumpannija. Bhala *accountant* mhux ta` interess ghalih jekk dawk il-flus kinux *cash injection* bl-idea li ma jithallsux lura jew ikunux *shareholders` loan.* Mid-dokumenti li kienu l-MFSA, ma jirrizultax li kien hemm *capitalization of a loan.*

**Emanuel Ellul** xehed li huwa *accountant* u kien inkarikat sabiex jaghmel l-*increase in share capital* ta` Karizia. Huwa kien inkarikat ukoll biex jifforma l-kumpannija The Village. Kien ukoll inkarikat sabiex jaghmel

zieda fis-*share capital.* Huwa kien ikkontattat minn Mario Debono u Joseph Saliba. Sar jaf lil dawn iz-zewg persuni meta kien ser jifforma l-kumpannija.

Spjega li huwa qatt ma ghamel *accounts* ta` dawn iz-zewg kumpanniji.

Fisser illi sabiex inkun hemm zieda fil-kapital, l-azzjonisti javzawh li jridu jzidu is-*share capital.* Imbaghad ihejji risoluzzjoni, jigi depozitat l-ammont taz-zieda, u tigi pprezentata l-Form H lir-Registratur tal-Kumpanniji. Jekk iz-zieda tkun ser taqbez l-*authorised share capital,* ikun hemm bzonn li ssir zieda fl-*authorized share capital.* Fil-kaz ta` Karizia, kien hemm zieda fl-*authorised share capital* kif jirrizulta mir-rizoluzzjoni li saret fil-laqgha generali ta` l-azzjonisti. L-*authorised share capital* tela` sa Lm50,000 u l-*issued share capital* tela` ghal Lm25,000.

Kompla fisser illi sabiex saret ir-risoluzzjoni, iltaqa` maz-zewg azzjonisti. Il-Form H giet iffirmata. Ir-risoluzzjoni kienet tghid illi Joseph Saliba kien offrut l-ishma ukoll indaqs bhal ma kien offrut lil Mario Debono, izda Saliba rrifjuta z-zieda. Kien ghalhekk illi ha l-ishma kollha Mario Debono.

Fil-kaz ta` The Village, is-*share capital* kien mizjud bi Lm19,000 u kienu hadu ishma indaqs iz-zewg azzjonisti. Dan sehh fit-8 ta` April 2002. F`dan il-kaz, saret rizoluzzjoni u mili tal-Form H. Imbaghad kien hemm zieda ohra fis-*share capital* fejn l-*issued share capital* rega` zdied. Dan sehh fil-11 ta` Mejju 2005. F`din it-tieni zieda sehhet l-istess storja bhalma sehh f`Karizia. Ir-rizoluzzjoni kienet iffirmata mill-azzjonisti filwaqt li l-Form H kienet iffirmata minn Joseph Saliba wahdu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, huwa xehed illi ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn saret iz-zieda fis-share capital. Ikkonferma li kien hu li pprepara r-rizoluzzjonijiet apoziti liema rizoluzzjonijiet gew iffirmati quddiemu. Spjega li d-*deposit slip* hija mandatorja u trid tittiehed ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji flimkien ma` Form H. Id-*deposit slip* solitament tkun fl-isem tal-kumpannija peress li jrid isir depozitu fil-kumpannija. L-*allotment* tas-*shares* isiru skont ir-rizoluzzjonijiet. Ir-rizoluzzjoni u l-*allotment* tindika kemm ikun zdied is-*share capital* u ghand min se jmur filwaqt li d-*deposit* hija konferma li l-flus dahlu fil-kumpannija.

Stqarr illi d-*deposit slip* dejjem trid tkun fuq il-kumpannija peress li r-Registratur ikun irid ikun jaf illi z-zieda fis-*share capital* saret billi dahlu l-

flus fil-kumpannija. Ma jidholx fil-kwistjoni dwar mnejn ikunu gejjin il-flus. L-interess tieghu jkun li l-flus ikunu marru fil-kumpannija.

**Av. Dr. Claudette Fenech** ghar-Registratur tal-Kumpanniji xehdet illi l-Form H hija l-formola li tintuza meta jkun hemm zieda fl-ishma ta` kumpanniji. Fil-Part A tal-formola hemm ikkontemplata cirkostanza meta jkun hemm *cash injection* jigifieri li jkun iddahhal *cash* biex inhargu l-ishma il-godda. Fil-Parti B, ikun ikkontemplat sors ta` dhul li ma jkunx jammonta ghal flus bhal per ezempju *capitalization of shareholders` loan.* Fil-kaz ta` *capitalization of shareholders` loan*, hemm obbligu legali li jitressaq dokument minn awditur dwar din il-*capitalization.*

Qalet li hija prassi tar-Registratur, ghalkemm mhijiex mandatorja mil-ligi, illi tintalab *bank deposit slip*, ghas-sitwazzjoni koperta mis-Sezzjoni A. Din tintalab biss sabiex ikun hemm konferma illi *at the date of the allotment*, l-azzjonist kellu dak l-ammont ta` flus fil-bank. Hafna drabi fuq id-*deposit slip* jkun hemm l-isem ta` min ikun iddepozita, ghalkemm gieli jkun hemm l-isem tal-kumpannija biss. Fit-tieni pagna tal-Form H, imbaghad wara li jkun hemm iz-zieda skont is-Sezzjoni A, ikun hemm imnizzel l-azzjonist li ha l-ishma, id-dettalji tieghu u l-ammont ta` ishma.

**Romuald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed ipprezenta *statement of account* ta` The Village ghaz-zmien ta` bejn it-30 ta` Gunju 2004 u t-30 ta` Gunju 2005.

Qal illi Karizia kellha zewg *accounts – loan account* li nghalaq fil-31 ta` Awissu 2007 u *overdraft account* li kien ghadu miftuh.

Ipprezenta *statement* tal-*loan account* u ta` l-*overdraft account* li jkopri l-perijodu ta` bejn it-30 ta` Gunju 2004 u t-30 ta` Gunju 2005.

Ma sabx korrispondenza skambjata bejn il-bank u The Village fl-istess zmien. Fil-kaz ta` Karizia sab dokument wiehed ghall-istess perijodu.

Ma rrizultawx minuti ta` laqghat li saru bejn il-bank u z-zewg kumpanniji fl-istess zmien.

Fil-kaz ta` The Village, il-bank ma kellux *management accounts* mentri fil-kaz ta` Karfizia kellu l-*management accounts* ghas-snin 2003 u 2004.

Il-bank ma kellux kopji ta` kuntratti ta` facilitajiet bankarji moghtija lil The Village mentri kellu l-kuntratt tal-loan u tal-overdraft ta` Karizia.

Ipprezenta l-korrispondenza skambjata u kopja ta` tlett *sanction letters* li kienu hargu lil Karizia.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li l-kont tal-*overdraft* qieghed ghal *recovery.*

**Joseph Caruana** mill-Bank of Valletta xehed illi l-kont a fol 325 tal-process huwa ta` The Village u jkopri z-zmien ta` bejn il-21 ta` April 2005 u s-6 ta` Gunju 2005 mentri dak a fol 405 hwa ta` Karizia u jkopri z-zmien ta` bejn it-12 ta` April 2005 u l-21 ta` April 2005.

Xehed illi fiz-zewg dokumenti jidher illi fil-21 ta` April 2005 saru *withdrawal* u *deposit* ta` Lm25,000. L-ewwel kienet zbankata s-somma ta` Lm25,000 minn The Village, u fl-istess waqt dik l-istess somas kienet depozitata fil-kont ta` Karizia. Imbaghad sar zbank ta` LM25,000 mill-kont ta` Karizia li kienu depoiztati fil-kont ta` The Village. Kollox sar fl-istess jum u fl-istess hin.

Stqarr illi d-dokument a fol 31 datat 4 ta` April 2005 huwa ffirmat minn zewg persuni bil-kunjom Saliba u Debono.

Fl-ittra l-bank kien qed ikun infurmat illi kien ser ikun hemm zieda fil-kapital azzjonarju. Ghamel referenza ghal punt 3 fl-istess dokument fejn jinghad : "*On presentation of the audited accounts of the company, you shall apply to convert the reserves and directors loan to ordinary share capital to bring the overall issued share capital to thirty thousand.*" Ma rrizultax jekk id-*directors` loans* jigifieri self li kienu ghamlu Joseph Saliba u Mario Saliba personalment gewx kapitalizzati f`*share capital* fil-kumpannija.

Sostna li l-bank ma jafx jekk sehhitx din iz-zieda fis-*share capital.*

**Mark Gauci** minn Lombard Bank plc xehed illi Karizia ma kellhiex kontijiet maghhom. The Village kellha kont overdraft nru 01170129487.

Ipprezenta *statement of account* ta` dan il-kont ghaz-zmien ta` bejn it-30 ta` Gunju 2004 u t-30 ta` Gunju 2005 kif ukoll kopja ta` korrispondenza skambjata bejn il-bank u The Village fl-istess zmien.

Ipprezenta kopja tal-minuti ta` laqghat li saru bejn il-bank u l-kumpannija fl-istess perijodu, flimkien ma` kopja tal-*management accounts* ta` l-istess socjeta` ghas-snin 2003, 2004 u 2005.

Ipprezenta wkoll kopji tal-kuntratti li saru dwar il-facilitajiet bankarji.

Huwa kien kellem maz-zewg diretturi tal-kumpannija u t-tnejn kienu jghaddulu informazzjoni dwar il-kumpannija.

Qal illi ma jiftakarx ghalfejn kienet saret iz-zieda fis-*share capital.* Kienu d-diretturi li semmew li din kienet ser issir izda ma kienx gie nfurmat bl-iskop. Spjega li l-bank ma staqsiex ir-raguni peress li kien nfurmat biha wara li kien diga` waqqaf il-kont milli jopera, ossija wara li l-bank kien ircieva l-ittra biex il-garanzija tal-mara ta` Saliba ma tibqax taghmel tajjeb.

Kompla jghid illi l-mara ta` Saliba kienet baghtet ittra fejn infurmat lill-bank li ma riditx thalli iktar debiti fuq il-garanzija personali taghha.

Dwar id-dokument ezebit a fol 579, fejn jinghad illi *"recent increase in share capital will be reflected in increase in debtors (shareholders` account) in the company`s books"* ma kien suggeriment tal-bank.

## III. L-azzjoni attrici

**L-azzjoni attrici hija l-*actio simulatoria.***

**Ghalkemm l-atturi ressqu tmien (8) talbiet, huma l-ewwel tnejn (tal-ewwel li tirrigwarda The Village u ta` warajha identika li tirrigwarda Karizia) li jincidu direttament fuq il-konsiderazzjoni tas-**

**sitt talbiet l-ohra. Dan ifisser illi jekk ikunu milqugha l-ewwel u t-tieni talbiet, allura l-Qorti tkun tista` tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talbiet l-ohra. Jekk l-ewwel u t-tieni talbiet ikunu respinti, dan ikollu necessarjament effett *domino* fuq it-talbiet l-ohra li jkollhom jigu rigettati wkoll.**

**Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis l-eccezzjonijiet preliminari li ghadhom fis-sehh.**

## IV. It-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-konvenut Debono

Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut Debono eccepixxa li Maria Saliba kellha tagixxi b`din il-kawza kontra zewgha jew kontra min illum jirraprezentah ossija l-eredi tieghu Michael Debono bhala *trustee* ta` "J. Saliba Trust". Isostni li kontra kull principju ta` dritt, l-attrici fittxet lilu meta m`ghandha xejn x`taqsam mieghu.

Din il-Qorti rat dak li qalet l-attrici fin-nota ta` sottomissjonijiet li pprezentat flimkien ma` l-attur l-iehor.

Hemm irrilevat illi ladarba t-*trustee,* li huwa l-eredi ta` zewgha skont it-testment tat-18 ta` Settembru 2007 (a fol 14 sa 19), ghamel l-azzjoni bhala attur f`kawza ta` simulazzjoni fl-ahjar interess tal-beneficjarji kollha ma kienx jaghmel sens li hija taghmel kawza wkoll kontra t-*trustee* ladarba huwa attur fil-kawza prezenti wkoll.

Tajjeb jinghad illi l-azzjoni simulatorja ghandha tigi ezercitata kontra kull persuna li tkun partecipi fin-negozju li jkun qed jigi allegat li kien simulat.

Fil-kaz odjern, it-*trustee* Joseph Debono, il-persuna li dahlet fil-posizzjoni ta` Joseph Saliba, li kien kompartecipi fin-negozju in kwistjoni ma` Mario Debono, qed tattakka dak l-istess negozju bl-azzjoni tal-lum. Ghalhekk sabiex jigu evitati kawzi ohra identici jew simili, l-attrici ghazlet li tinghaqad ma` t-*trustee* fil-kawza tal-lum bit-talba ghal dikjarazzjoni ta` simulazzjoni tan-negozju in ezami.

Il-Qorti tqis illi l-attrici Saliba kienet proceduralment korretta meta ghamlet l-azzjoni simulatorja kontra l-konvenut Debono u t-*trustee* Debono ladarba Mario Debono u Joseph Saliba kienu kompartecipi fin-negozju li qed jigi allegat illi kien simulat.

Tajjeb jinghad illi l-*actio simulatoria* tista` tigi ezercitata minn kwalunkwe parti, inkluzi terzi ghan-negozju in kwistjoni.

**<u>Giorgio Bianchi</u>**, fil-pag.15 tat-trattat "**<u>La Simulazione</u>**" (Ediz. 2003 CEDAM) ighid kjarament illi "*l`azione di simulazione puo` essere proposta da chiunque abbia interesse alla eliminazione della medesima*".

Ghalhekk l-azzjoni tista` tigi tentata minn kull min juri interess li tinkixef il-verita`.

Fil-kaz tal-lum, l-attrici ghandha interess titlob id-dikjarazzjoni ta` simulazzjoni ladarba qeghda tikkontendi illi l-ishma li zewgha kellu registrati f`ismu fis-socjetajiet The Village u Karizia kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghha ma` zewgha.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-konvenut Debono.**

**V. <u>Il-hames (5) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u l-hames (5) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia</u>**

Qed jigi eccepit illi Michael Debono bhala *trustee* ta` "The J. Saliba Trusts" ma jistax jagixxi kontra dak li ghamel volontarjament l-awtur tieghu stess u cioe` Joseph Saliba. Del resto li ghamel Joseph Saliba sar qabel l-istess Saliba waqqaf it-*trust* li huwa rapprezentat minn Michael Debono. jirraprezenta.

L-eccezzjoni mhijiex kondiviza mill-Qorti.

Huwa principju accettat illi l-*actio simulatoria* tista` tigi ezercitata mill-eredi tal-awtur stess ta` l-att simulat.

Il-Qrati taghna irritenew illi :

*"l-werrieta jistghu jezercitaw id-drittijiet li kien jista` jezercita l-awtur taghhom kieku kien ghadu haj, fosthom dik ta` impunjazzjoni ta` kuntratt, minghajr ma jkunu b`hekk qeghdin jezercitaw drittijiet akbar milli kellu l-awtur taghhom".*

(ara : Qorti tal-Kummerc - "**Giuseppa Degiorgio et -vs- Carmelo Degiorgio**" - 18 ta` Ottubru 1934 ; Appell Civili - "**John Abela et -vs- Giovanna Abela et**" – 18 ta` Gunju 1971 ; u Appell Civili – "**Giuseppi Sciortino et -vs- Alfred Sciortino**" - 3 ta` Ottubru 2008).

Kwistjoni simili kienet qamet fil-kawza fl-ismijiet **Rosita Curmi vs Salvina Grima et** li kienet mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fl-ewwel istanza fit-30 ta` Lulju 2010 u fit-tieni istanza fit-28 ta` Marzu 2014.

Fid-decizjoni tal-Ewwel Qorti nghad hekk :-

> *"(iv) L-attrici ma tistax bhala werrieta b`rapprezentazzjoni tal-mejtin Salvatore u Rosina konjugi Curmi tattakka l-agir ta` Salvatore u Rosina konjugi Curmi.*
>
> *"L-artikolu 801 tal-Kodici Civili jipprovdi:-*
>
> *""Ir-rapprezentazzjoni ghandha bhala effett li ddahhal lir-rapprezentanti fil-lok, fil-grad, u fil-jeddijiet tar-rapprezentati."*
>
> *"Skond l-artikolu 806 m`hemmx rapprezentazzjoni ta` dawk li huma hajjin imma biss ta` dawk li huma mejta jew assenti ghal zmien twil.*
>
> *"Carmelo Curmi miet fit-8 ta` Dicembru 2005 u l-werrieta tieghu hi l-attrici. Carmelo Curmi hu wiehed minn ulied Salvu u Rosina Curmi, u peress li mietu intestati kien wiehed mill-werrieta taghhom.*
>
> *"Ghalkemm l-argument tal-konvenuti hu interessanti, il-qorti ma taqbilx. Hekk per ezempju skond l-artikolu 913 tal-Kodici Civili tfal li jirtu b`testment jew ab intestato ghandhom "... igibu fil-*

*massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-ohra, li jirtu flimkien maghhom, dak kollu li jkunu hadu b`donazzjoni minghand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona mod iehor". (artikolu 913 tal-Kodici Civili). Filwaqt li d-decujus ghandu kull dritt li f`hajtu jaghmel att gratuwitu, min-naha l-ohra ma jistax jahrab mill-provvediment tal-ligi sabiex jippregudika d-drittijiet ta` werrieta tieghu jew x`uhud minnhom. Alternattivament ikun ifisser li min ikollu interess ikun kostrett jirrinunzja ghall-wirt u jitlob is-sehem rizervat. Is-sentenza **<u>John Abela et vs Giovanna Abela et</u>** deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta` Frar 1971 ittrattat kwistjoni simili, u kkonkludiet li werriet ghandu kull dritt li jaghmel kawza ghal dikjarazzjoni li l-kuntratt li ghamel l-awtur tieghu hu milqut minn simulazzjoni.*

*"Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi wkoll michuda."*

Fl-istadju tal-appell, il-Qorti ta` l-Appell ittrattat aggravju li jixbah l-eccezzjoni tal-kawza tal-lum.

Inghad hekk :-

*"It-tieni aggravju jolqot l-eccezzjoni illi l-attrici ma tistax, bhala aventi causa ta` Salvatore u Rosina Curmi, timpunja l-ghemil ta` dawn.*

*21. Qabel xejn ghandu jinghad illi l-attrici ma hijiex qieghda tfittex illi "timpunja" fis-sens illi tfittex illi jithassru l-kuntratti izda biss tikxef il-vera natura taghhom. Barra minn hekk, ghalkemm huwa minnu illi l-aventi causa ma jistax jimpunja l-ghemil tal-awtur tieghu, huwa minnu biss safejn l-awtur stess ma setax jimpunja dak l-ghemil tieghu stess. Kemm fil-gurisprudenza (ara e.g. **<u>Carmelo Morana v. Nutar Joseph Spiteri et</u>**, App. Civ. 26 ta` Mejju 1952) u kemm fid-dottrina (Ara e.g. Baurdy-Lacantinerie e Barde, Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile, delle Obbligazioni, Vol. I, §§ 731 et seq) huwa stabilit illi parti f`kuntratt tista` titlob dikjarazzjoni li kuntratt huwa simulat.*

*22. Ladarba ghalhekk Salvatore u Rosina Curmi setghu jipproponu l-azzjoni tallum, ma hemm xejn xi jzomm lill-attrici bhala aventi causa minnhom milli hi wkoll tressaq l-azzjoni.*

*23. Il-Konvenuti Appellanti jkomplu jghidu hekk:*

*"...anke kieku kellu jigi ritenut li l-kuntratti impunjati huma simulati fis-sens li jimmaskraw att ta` liberalità, is-simulazzjoni hija relativa, u l-attijiet ta` liberalità ghandhom jiftehmu li l-awturi tal-appellanti flimkien mal-att ta` liberalità riedu wkoll jezentawhom mill-obbligu tal-kollazzjoni ta` kull valur li jirrizulta in eccess ta` dak dikjarat. Jekk tirrizulta simulazzjoni tal-valur dikjarat, din m`hijiex hlief l-intenzjoni tat-testaturi, fir-realtà, li jezentaw lill-appellanti mill-kollazzjoni ta` kwalunkwe eccess tal-valur dikjarat."*

*24. Dan jista` jkun minnu, izda se mai ikollu relevanza f`kawza ghal qasma tal-wirt, mhux fil-kawza tallum, illi, kif gà nghad, ma hijiex mahsuba biex jintalab jew jinqasam wirt izda biex jigi stabilit x`inhija fil-verità n-natura tal-kuntratti li dwarhom saret il-kawza. Dan l-argument tal-Konvenuti Appellanti jehtieg stharrig li jmur lil hemm mill-meritu tal-kawza tal-lum.*

*25. L-aggravju huwa ghalhekk michud."*

Similment fis-sentenza li tat fit-3 ta` Novembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Alexandra Raciti vs Adrian Azzopardi et</u>** din il-Qorti diversament ippreseduta irrimarkat kif gej :

*"Fit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu, il-konvenut Azzopardi, jecepixxi li t-talbiet attrici huma insostenibbli peress li ma tistax tintalab dikjarazzjoni ta` simulazzjoni minn parti li kienet ko-partecipi fih. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan il-punt, u dan peress li s-simulazzjoni hija divergenza voluta bejn l-intenzjoni u l-manifestazzjoni taghha, u, ghalhekk, is-simulazzjoni hija dejjem intenzjonata u l-parti ghandha dritt tecepixxa s-simulazzjoni taghha stess anke meta tigi azjonata*

*ghal esekuzzjoni tal-kuntratt. Din il-Qorti, fil-fatt, fil-kawza "**Case vs Agius**", decisa fit-23 ta` Gunju, 1964, osservat, "Illi l-pozizzjoni legali hija li meta s-simulazzjoni, sew assoluta kemm relativa, tigi sollevata mill-parti azzjonata biex taghti ezekuzzjoni ta` kuntratt, dik il-forma ta` eccezzjoni hija ricevibbli fl-istess azzjoni, b`differenza minn meta s-simulazzjoni tkun qeghda tigi allegata minn terz". La darba, parti fuq kuntratt jista` jecepixxi ssimulazzjoni tal-kuntratt meta l-parti l-ohra tkun qed titlob l-esekuzzjoni tieghu, multo magis dik il-parti tista` tagixxi b`azzjoni biex titlob dikjarazzjoni ta` simulazzjoni. Azzjoni ta` simulazzjoni giet, fil-fatt, kemm-il darba proposta min min hu kontraent fuq att, jew anke mill-eredi tieghu, kif kien il-kaz trattat minn din il-Qorti fil-kawza "**Pace vs Lauri**", decis fit-12 ta` Ottubru, 1950."*

(ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali - 25 ta` Settembru 2007 - **Tarcisio Rapa vs Winston Montanaro Gauci**)

**Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali.**

**Ghalhekk qeghda tichad il-hames (5) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u l-hames (5) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia.**

## VI. It-tielet (3) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u t-tielet (3) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia

Kien eccepit ukoll illi Maria Saliba la qatt kienet azzjonista, la qatt hadet passi sabiex tkun registrata bhala azzjonista, u lanqas wirtet ishma fil-kumpanniji konvenuti. Kwalsiasi drittijiet direttament jew indirettament konnessi mal-ishma in kwistjoni kienu registrati fl-isem ta` zewgha Joseph Saliba u ghalhekk m`ghandhiex *locus standi.*

L-eccezzjonijiet huma nsostenibbli.

Jirrizulta illi meta Joseph Saliba ha l-ishma fiz-zewg kumpanniji konvenuti, kien diga` mizzewweg lil Maria Saliba. Bejniethom kien hemm fis-sehh il-komunjoni tal-akkwisti. Ladarba r-regim patrimonjali li kien jirregola z-zwieg ta` bejn il-konjugi Saliba kienet il-komunjoni ta` l-akkwisti, allura nofs indiviz ta` l-ishma registrati fuq Joseph Saliba mal-formazzjoni tas-socjetajiet kien jappartjeni lil Maria Saliba abbazi tal-Art 1320(d) tal-Kap 16. tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk Maria Saliba kienet proceduralment korretta meta mexxiet bl-azzjoni simulatorja.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-tielet (3) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u t-tielet (3) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia.**

## VII. <u>Ir-raba` (4) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u r-raba` (4) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia</u>

Kien eccepit li l-azzjoni hija intempestiva ghaliex il-kumpanniji konvenuti qed jigu mharrka minn persuni estranei ghall-istess kumpanniji billi dawn ma humiex azzjonisti registrati.

Kompla jinghad illi skont l-Art 4(h) ta` l-articles of association (fol 32 sa fol 37 fil-kaz ta` The Village, u fol 42 sa 47 fil-kaz ta` Karizia) sabiex terzi jigu ammessi bhala membri, dawn kellhom jitolbu li jigu registrati bhala membri u accettati unanimament mill-azzjonisti l-ohra.

Anke dawn l-eccezzjonijiet huma nfondati.

Il-Qorti ssostni dak li rrilevat aktar kmieni u cioe` illi z-zewg atturi li ghadhom fil-kawza ghandhom id-dritt u l-interess guridiku li jipprocedu b`azzjoni ta` din ix-xorta.

Jekk ghall-grazzja ta` l-argument kellu jkun accettat li kellha tkun segwita l-procedura komptemplata fl-articles, il-fatt illi dan sal-lum ghadu ma sarx m`ghandux ifisser illi l-atturi m`ghandhomx jedd fuq l-ishma li kienu registrati fl-isem ta` Joseph Saliba.

**Ma tissussisti l-ebda kwistjoni ta` intempestivita` fl-azzjoni tentata mill-atturi propju ghaliex l-azzjoni tal-lum m`ghandha**

**x`taqsam ma` jekk l-atturi gewx rikonoxxuti formalment bhala membri ta` z-zewg kumpanniji, izda jekk il-ftehim bejn Joseph Saliba u Mario Debono li permezz tieghu saret zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg socjetajiet kienx simult b`mod assolut inkella le.**

Barra minn dan, fil-kaz illi t-talbiet attrici jkunu milqugha, il-kumpanniji ntimati certament ikunu affettwati minhabba li ser ikun hemm reintegrazzjoni tal-kapital azzjonarju ghal kif kien precedentement. Ghalhekk anke ghall-fini ta` integrita tal-gudizzju kien necessarju li z-zewg kumpanniji jkunu parti mharrka fil-kawza tal-lum.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ir-raba` (4) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village u r-raba` (4) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia.**

## VIII. L-*<u>actio simulatoria</u>*
## <u>(Dottrina u gurisprudenza)</u>

Bl-azzjoni tal-lum l-atturi mhux jattakkaw iz-zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji abbazi ta` allegat ksur tad-disposizzjonijiet tad-dritt socjetarju. Dan huwa mill-aktar manifest kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet.

Bl-azzjoni taghhom, l-atturi qeghdin jikkontendu illi kull ma sar bejn Mario Debono u Joseph Saliba, u li wassal sabiex finalment ikun hemm zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji, kien kollu kemm hu simulat b`mod assolut u fuq kawza falza jew inezistenti, bil-hsieb preciz li jigu lezi u pregudikati d-drittijiet ta` l-atturi.

Premessi l-binarji tal-azzjoni kif delineati mill-atturi, tajjeb jinghad illi att ikun simulat meta, bil-volonta` tal-persuni li jidhru fuqu, ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni necessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta` dak li jkunu qed jaghmlu fil-kuntratt. Ghalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu ; madanakollu jkun qed isir bil-kunsens taghhom it-tnejn b`mod falz.

Issir distinzjoni fid-dottrina bejn simulazzjoni assoluta u dik relattiva.

Fid-**Digesto Italiano** (Vol.XXI Parte 3 Pag 411) per Luigi Cagnetta jinghad :-

> *"La simulazione e` assoluta, quando le parti non intesero conchiudere verun negozio giuridico (colorem habens, substantiam vero nullam) : e` relattivo quando un atto vero sia manifestato sotto forma di altro atto, o con altre modalita`, o per interposta persona (colorem habens, substantiam vero alteram).*
>
> *L`atto assolutamente simulato e` inesistente, non produce ne` diritto, ne` obbligazione: l`atto relattivamente simulato, invece, ha il valore giuridico che la legge attribuisce a quello che si e` inteso di conchiudere. Nell`uno e nell`altro caso pero`, e` evidente che la simulazione per se` stessa e` sempre priva di ogni efficacia giuridica. Sia assoluta, sia relattiva, suppone sempre un atto finto, cioe` la inesistenza dell`atto apparente."*

Id-differenza bejn iz-zewg tipi ta` simulazzjoni kienet imfissra fis-sentenza ta` din il-Qorti moghtija fit-12 ta` Ottubru 1950 fil-kawza fl-ismijiet **Esther Pace et vs Mary Lauri et** fejn inghad hekk :-

> *"Illi skond id-dottrina hemm zewg speci ta` simulazzjoni, wahda assoluta, meta l-kuntratt jkun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – `colorem habens, substantiam vero nullam` u l-ohra relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparrenza ta` iehor – ` colorem habens, substantiam vero alteram` (Coen, Giurisprudenza Italiana, voce `Simulazione`, para. 72)*
>
> *L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni ta` l-inezistenza assoluta ta` l-att; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta` ta` l-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu…."*

Fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Marzu 1936 fil-kawza **Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et** kien rilevat hekk :-

*"Illi skond id-duttrina, hemm zewg speci ta` simulazzjoni dik li tkun assoluta, meta l-kuntratt huwa interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni `colorem habens` kif kienu jghidu l-prammatici, `substantiam vero nullam`, u dik relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta` iehor; `colorem habens substantiam vero alteram`. Kif qalet il-Qorti ta` Catania fil-pronunja taghha tat-22 ta` Mejju 1882, `la simulazione e` di due specie; assoluta, allorche` le parti fanno un atto totalmente immaginario, che nel loro intendimento non dve avere alcun effetto; relativa, quando sotto le forme di un contratto apparente intendono fare un altro vero` (Coen, Voce Simulazione, para 72)"*

Sabiex att jigi dikjarat simulat, irid jigi ppruvat fil-kaz ta` simulazzjoni assoluta illi l-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghal ebda kuntratt, jew fil-kaz ta` simulazzjoni relattiva illi riedu jaghmlu att iehor mhux dak li effettivament iddikjaraw fl-att.

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Jannar 1945 fil-kawza **<u>Oscar Sammut noe vs Antonio Ellul</u>** il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Illi att ghandu jkun ritenut simulat meta bil-volonta` tal-persuni li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. `Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus expresse aliud simulamus`. (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista` tkun assoluta jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku jew relattiva jew parzjali, bhal meta jigi konkiuz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu....Illi dina l-Qorti bis-sentenza ta` l-20 ta` Mejju 1932 in re `**<u>Schembri vs Schembri`</u>**, sostniet li fil-kazi li kuntratti jigu attakkati bhala simulati, anki meta jkunu atti b`titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha; u kompliet tghid li `cio` si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti.` B`sentenza ohra ta` din il-Qorti tat-13 ta` Ottubru 1933 in re*

> ***Bugeja vs Busuttil*** *gie stabilit li biex tigi ppruvata s-simulazzjoni frawdolenti ` bastano anche le presunzioni e le congetture, purche` esse sieno gravi, precise e concordanti, e non contradette da altre presunzioni ed inidzi.` U b`sentenza ohra ta` din l-istess Qorti tad-29 ta` Jannar 1932 in re* ***`Galizia nomine vs. Cuschieri`*** *gie ritenut li fi-gudizzju ta` simulazzjoni `si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione."*

Kull att jew skrittura hija prezunta li tirrifletti l-volonta` tal-partijiet. Ghalhekk sabiex tirnexxi azzjoni ta` simulazzjoni, l-atturi jridu jippruvaw b`mod konklussiv illi l-intenzjoni u l-kunsens tal-partijiet kien li joholqu att simulat. L-oneru tal-prova tas-simulazzjoni jinkombi fuq min qed jallega s-simulazzjoni.

Fid-decizjoni li tat fil-5 ta` Ottubru 2010 fil-kawza **Maria Debono et -vs- Kan. Dekan Francesco Camilleri noe et** il-Qorti tal-Appell qalet :-

*"il-gurisprudenza lokali hija konkordi illi s-simulazzjoni ghandha tigi provata minn min jallegaha, u l-provi jridu jkunu perswazivi u konkludenti. Izda dan il-principju ghandu jigi applikat b`rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fidi akbar li l-ligi tirriponi fuqhom."*

Dan l-oneru huwa aktar gravuz fil-kaz ta` att pubbliku minhabba l-prezunzjoni applikabbli favur atti pubblici.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Dicembru 1953 fil-kawza **Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et** din il-Qorti rrilevat illi :-

> *"Hu ormaj maghruf li s-simulazzjoni hija forma ta` frodi (Kollez. XXXII-II-392); u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta` frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftheim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni ta` sincerita` u tar-realta`. Ghalhekk min irid iwaqqa` din il-prezunzjoni jisthoqqlu jgib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata."*

Dan il-principju kien ikkonfermat fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Ottubru 1986 fil-kawza **Carmelo Cini et vs Alfred Zammit** :

> *"Kwalunkwe ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita` u tar-realta`. Ghal min irid iwaqqa` din il-presunzoni, jehtieglu jgib il-prova konkludenti u perwasiva tas-simulazzjoni minnu allegata. (VOL. XXXVII.II.797)."*
>
> …
>
> *Biex ikun hemm simulazzjoni, hija mehtiega x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat; jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta` min ma jkunx ta dak il-kunsens. Il-bona fede taghhom hija protetta mil-ligi, u l-kuntratt ghalihom jkun validu. Mhux bizzejjed li xi parti jkollha l-intenzjoni, mhix espressa u esternata lill-parti l-ohra, lli taghmel att simulat. Mhux bizzejjed li l-volonta` tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjoni li hu jaghmel fl-att. Hemm bzonn, kif ighid Butera, li jigu salvagwardati `la sicurezza e la stabilita` delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e` la lealta` dell` altro contraente… Conseguentemente ogni qualvolta il disaccordo e` imputabile a colpa del dichiarante, mentre l` altra parte era ignara o aveva ragione di credere vera la manifestazione di volonta`, il negozio sara` valido. Se il negozio fosse annullato, la parte danneggiata avrebbe diritto ad indennizzo; ma non puo` la legge, per la sua stessa serieta` e per l` economia dei giudizi, autorizzare l` esercizio di una azione diretta a produrre un danno, che poi per altra via obbliga a riparare….(Simulazione nei Negozi Giuridici, pag. 18)"*

(ara wkoll : Qorti tal-Appell – 27 ta` Marzu 1936 - **Francesca Seychell et vs Antonio Seychell et)**

Sabiex tkun ippruvata s-simulazzjoni, il-provi jridu jkunu precizi, gravi u konkordanti (ara **Kollez. Vol. XXXVII.259**). Tista` tigi pruvata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta` prezunzjonijiet u kongetturi, purke dawn ikunu gravi, precizi u konkludenti, u mhux kontradetti minn

presunzjonijiet u indizji ohra (ara : Prim`Awla tal-Qorti Civili - "**Caruana Scicluna vs Pace**" – 7 ta` Frar 1949 ; u "**Vassallo vs Vassallo**" - 28 ta` Frar 1995)

Trid issir ukoll il-prova li kien hemm kolluzjoni taz-zewg kontraenti u mhux ta` kontraent wiehed biss.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Frar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Adrian Muscat vs Emilio Agius et**, kienet trattata d-distinzjoni bejn l-azzjoni ta` simulazzjoni u l-azzjoni dwar frodi, zball u vizzju tal-kunsens.

Inghad :-

> *"Illi s-simulazzjoni t`obbligazzjoni hi guridikament distinta u dan l-istitut guridiku huwa bbazat fuq principji legali differenti mill-istituti l-ohra. L-eccezzjonijiet l-ohra li ressqu l-konjugi Agius dwar frodi pauliana, zball, vizzju ta` kunsens etc. jipprospettaw kuntrattazzjoni valida li mbaghad tista` tigi impunjata (**L. Spiteri Debono vs J. Spiteri Debono,** PA 05/12/1953) mentri fil-kaz ta` simulazzjoni totali dina tippresupponi l-inesistenza tal-kuntratt ab initio waqt li fil-kaz ta` simluazzjoni relattiva l-konsegwenza tkun li jigi dikjarat x`inhu l-veru kuntratt intenzjonat bejn il-partijiet. (ara **G. Mallia vs Dr A. Ganado noe**, PA 14/05/1959 u **F. Cassar vs C. Muscat**, App 14/11/2011).*
>
> *Illi fil-fehma tal-Qorti s-simulazzjoni allegata mill-konvenuti Agius hi konfliggenti maleccezzjonijiet l-ohra li huma taw fis-sens li l-azzjoni hija affetta minn vizzju ta` kunsens u zball. Parti kontraenti ma tistax tissimula negozju u fl-istess waqt tghid li l-kunsens taghha kien vizzjat jew li kkontrattat taht zball indott mill-parti l-ohra. Kif qalet il-Qorti fil-kaz **A. Galea vs G. Borg et**, (Magistrati Ghawdex Superjuri 11/07/2008) "wiehed ma jistax fl-istess nifs jallega li att huwa ezistenti, imma guridikament nieqes minn xi element essenzjali ghall-validita tieghu, u ghalhekk annulabbli, u fl-istess hin isostni wkoll illi dan l-att kien simulat u konsegwentement inezistenti ipso iure". L-istess*

*japplika ghall-eccezzjoni dwar "inadimplenti non est adimplendum" billi s-simulazzjoni hi bazata fuq obbligazzjoni fittizja u inezistenti mentri l-ohra (inadimplenti) hi radikata fuq il-validita oggettiva ta` obbligazzjoni ezistenti.*

*Inoltre s-simulazzjoni tinnecessita l-kolluzjoni taz-zewg kontraenti u mhux ta` kuntraent wiehed biss. Fis-simulazzjoni ma jistax ikollok parti li taghti l-kunsens dwar in-negozju li verament trid u l-parti l-ohra tissimula l-kunsens ghax tkun trid negozju iehor differenti (**Spteri Debono vs Spiteri Debono u Galea vs Borg** fuq menzjonanti)."*

(ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - 29 ta` Novembru 2011 - **Maria Assunta Mercieca vs Emanuel Stellini** ; u 4 ta` Frar 2009 - **Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri)**

Il-Qorti tirrileva illi ma jistax ikollok simulazzjoni jekk "*il-partijiet li hadu parti fih riedu precizament dak li effettivament obligaw ruhhom b`dak l-att, u ma riedux jahbu ebda patt jew kuntratt iehor*" (Qorti tal-Appell – 15 ta` Jannar 1945 - **Oscar Sammut noe vs Antonio Ellul et** - Kollez. Vol.. XXXII.I.138)

**Torrente u Schlesinger**, fil-Pag 179 tal-**Manuale di Diritto Privato**, pubblikat minn Giuffre` Editore) ighidu b`enfasi illi :

*" … le parti, d`accordo tra loro, dichiarano di porre in essere un negozio, ma in realta` non vogliono affatto che si producano gli effetti di questo negozio. Vi e` un contrasto tra la dichiarazione e l`effettiva intenzione di chi fa la dichiarazione: cio` che caratterizza la simulazione e la distingue dalla riserva mentale e` l`accordo tra le parti (cosiddetto accord simulatorio) nel senso che la dichiarazione e` puramente fittizia o apparente: accanto alla dichiarazione che e` diretta a porre apparentemente in essere un negozio vi e` una controdichiarazione, che e` diretta a togliere valore a quell negozio".*

**Nicolo`** fil-kitba tieghu bl-isem **Tutela dei Diritti** (Commentario – Scialoja e Branca – Bologna – 1953) ighid hekk :-

*"… perche` si e` inteso assicurare al creditore una piu` pronta ed efficace tutela, si ammette il cumulo, in via alternattiva o congiuntiva, della` azione di*

*simulazione assoluta con l-azione revocatoria, con la conseguenza che, in ogni caso, o per effetto della revocatoria, ovvero per effetto dell` azione di simulazione, si otterra` che o il bene non resti sottratto all` azione revocatoria del creditore, ovvero sia considerato sempre parte del patrimonio del debitore, come nel caso di simulazione assoluta e come tale ragguingibilie dal creditore.*

*Tutto cio` non e` ammesso per l`ipotesi di simulazione relativa. Si afferma in fatti, che in tal caso l` azione di simulazione non concorre con la revocatoria, ma che quest` ultima si somma alla prima perche` la simulazione relativa ha lo scopo di far apparire ai terzi come esistente un atto che non e` revocabile o che e` piu` difficilmente revocabile di quello simulato; e solo in quanto si sia utilmente opposa la simulazione, e` possible chiedere la revoca del negozio simulato`. (Cosattini- `La revoca degli atti fraudolenti`, Padoca 1940- pag 128)*

*Ma la limitazione ora riferta non puo` ritenersi fondata, per il rilievo, gia` autorevolmente formulato, che se questo e` vero se si parte dal presupposto che il creditore agente sia a conoscenza della simulazione relativa ed intenda togliere ogni possibilita` di pregiudizio, nel caso di simulazione relativa, la soluzione non puo` essere diversa da quella prospettata per l` ipotesi di simulazione assoluta, ove si consideri che il creditore, come terzo, puo` ignorare il negozio dissimulato, il quale, nei suoi confronti, per quanto valido tra le parti e` come se fosse inesistente.*

*E se nell` ipotesi di simulazione assoluta, puo` bastare la semplice revocatoria contro il negozio simulato ad impedire il pregiudizzio dei creditori, altrettanto deve dirsi nel caso di simulazione relativa."*

## IX. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Jirrizulta li Joseph Saliba kellu 50% tal-ishma fiz-zewg kumpanniji. Il-50% l-ohra kienu ta` Mario Debono. Sal-10 ta` Mejju 2005, Joseph Saliba

kellu registrati f`ismu 10,000 sehem tal-valur nominali ta` EUR 2.33 kull wiehed fis-socjeta` The Village, u 2,500 sehem tal-valur nominali ta` EUR 2.33 kull wiehed fis-socjeta` Karizia.

Jirrizulta li fil-11 ta` Frar 2005, Maria Saliba bdiet proceduri gudizzjarji ta` separazzjoni personali minn Joseph Saliba bil-kawza Citaz. Nru 39/2005/NC. Sar ukoll mandat ta` inibizzjoni sabiex Joseph Saliba ikun inibit milli jbiegh, jassenja u/jew jittrasferixxi l-ishma registrati f`ismu f`diversi socjetajiet fosthom The Village u Karizia (fol 48 sa fol 51).

Jirrizulta li fil-11 ta` Mejju 2005, ittiehdu zewg rizoluzzjonijiet straordinarji (wahda ghal The Village u l-ohra ghal Karizia) fejn kienet deciza zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji b`tali mod li l-ishma l-godda tat-tnejn kienu registrati fl-isem ta` Mario Debono (ara fol 52 u 53 u fol 56 u 57).

Jirrizulta z-zieda fil-kapital azzjonarju tat-tnejn kienet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji (fol 54 u 55, u fol 60 sa fol 62).

Bhala fatt, fejn qabel Mario Debono u Joseph Saliba kellhom ishma ndaqs, wara z-zieda fil-kapital azzjonarju u l-konsegwenti *allotment* tal-ishma, Joseph Saliba sar azzjonista ta` minoranza fiz-zewg kumpanniji bil-maggoranza tal-ishma tkun fl-idejn ta` Mario Debono.

Il-pretensjoni tal-atturi fil-kawza tal-lum hija li r-rizoluzzjonijiet li biddlu drastikament is-*shareholding* tal-kumpanniji, flimkien ma` kull dokument iehor relattiv ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju, huma nulli u bla effett ghaliex kienu simulati b`mod assolut bil-hsieb ikunu lezi l-jeddijiet tal-atturi bi pregudizzju ghalihom.

Il-Qorti tirrileva mill-ewwel illi l-atturi mhux qed jikkontendu illi l-kunsens ta` Joseph Saliba kien vizzjat ghaliex karpit kontra l-volonta` tieghu jew illecitament.

L-azzjoni attrici hija dik simulatorja fejn qed ikun allegat illi Joseph Saliba u Mario Debono flimkien issimulaw ftehim b`mod assolut bil-konsegwenza li dak il-ftehim huwa null u allura bla effett. Din il-pretensjoni kienet riaffermata mill-atturi fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom.

Ghalhekk kwalsiasi eccezzjoni li tittratta allegat vizzju tal-kunsens ta` Joseph Saliba ghandha tigi skartata ghax ma taqax fil-parametri ta` l-azzjoni kif intavolata mill-atturi.

Dan premess, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis il-provi li tressqu dwar is-simulazzjoni.

Skont l-atturi, l-intimat Debono sahaq li z-zieda fis-*share capital* u l-bdil drastiku favur tieghu fis-*shareholding* taz-zewg kumpanniji intimati, kien dovut sabiex (i) huwa jithallas ta` ammonti kbar li kien injetta fl-istess kumpanniji matul is-snin u (ii) jakkomodaw lill-banek li kienu qed jitolbu z-zieda halli jkunu jistghu jkomplu jiffinanzjaw lill-kumpanniji intimati.

L-atturi jikkontendu illi jekk iz-zewg ragunijiet moghtija ghaz-zieda fil-kapital azzjonarju ma jigux ippruvati, allura jinstilet dubbju serju fuq kemm il-motivazzjoni wara l-istess ftehim kienet wahda genwina.

**Il-Qorti sejra tqis l-ewwel raguni.**

Fil-kors tax-xiehda twila tieghu, Mario Debono stqarr illi huwa hareg flejjes konsiderevoli u poggiehom fil-kumpanniji intimati, ghad-differenza ta` Joseph Saliba li ma kienx qed ipoggi flejjes fil-kumpanniji.

Debono ighid illi f`April 2002, huwa ddepozita Lm19,000 fil-kont bankarju ta` The Village. Madanakollu, mill-*statement* Dok MD1 (fol 119), ghalkemm jidher li kien hemm depozitu ta` din is-somma fid-9 ta` April 2002 permezz ta` *cash injection* ta` Mario Debono, dakinhar stess din is-somma rega` kienet zbankata.

Debono ighid ukoll illi matul Gunju 2003 u Novembru 2004 iddepozita Lm49,282.20c fil-kontijiet bankarji jew *cash floats* tal-kumpanniji intimati. Madanakollu, huwa pprezenta biss zewg kontijiet personali tieghu li jkopru l-perijodu ta` bejn it-18 ta` Marzu 2002 u 9 ta` April 2002 (Dok MD1 a fol 119 rigwardanti The Village) u l-perijodu ta` bejn l-1 ta` April 2003 u t-30 ta` Gunju 2003 (Dok MD2 a fol 120 sa 121). Ghall-2004 ma pprezenta ebda dokument.

Debono jiggustifika dan in-nuqqas billi ghamel referenza ghal verbal li kien sar fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 fejn jinghad :-

*Ghal fini ta` aktar precizjoni u kjarezza, Dr Testa izid jiddikjara illi l-increase in capital sar in parti bi flus kontanti u in parti bi flus li kienu ndikati fl-ewwel pagna tal-affidavit tal-attur markat Dok MD u ghalhekk ma hemm l-ebda htiega li jigu ricerkati kontijiet ohra f`dati ohra ta` natura personali peress li Mario Debono jeskludi illi ttiehdu flus minn hemm ghall-injection of funds tal-increase in capital.*

Il-Qorti tqis illi minkejja l-inkartament ipprezentat u mmarkat bhala Dok MD 3 sa MD 7 (a fol 122 sa fol 130), ma hemm xejn x`jindika li dawk id-depoziti li saru gol-kont ta` Karizia effettivament gew minn flus appartenenti lil Debono. Tant hu hekk illi minn ezami tad-dokumenti SG1 u SG2 konsistenti fil-*current accounts* ta` Mario Debono mal-kumpanniji rispettivi, ma jirrizultawx it-transazzjonijiet li sostna li ghamel Mario Debono. L-informazzjoni li tirrizulta fid-Dok SG1 u SG2 ma taqbilx mal-allegati *cash injections* li saru fil-kumpanniji intimati fid-9 ta` April 2002 u bejn it-2 ta` Gunju 2003 u s-16 ta` Novembru 2004.

Addirittura minn Dok SG 1 (fol 727) u SG 2 (fol 728 u 729) jirrizulta illi sal-ahhar tal-2004 ossija l-gheluq ta` l-ahhar sena ta` The Village qabel sehhet iz-zieda fil-kapital azzjonarju, kien hemm bilanc ta` Lm1,121.06 **favur** Debono mentri sal-31 ta` Marzu 2005, ossija l-gheluq ta` l-ahhar sena ta` Karizia qabel saret iz-zieda fil-kapital azzjonarju, kien hemm bilanc ta` Lm2,113.86 **kontra** Mario Debono.

Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-ammonti li allegatament hareg Debono favur dawn il-kumpanniji, lanqas ma jirrizultaw mill-*audited accounts* ezebiti bhala Dok AN 1 a fol 157 sa 169 fir-rigward ta` Karizia, u bhala Dok AN 2 (fol 170 sa fol 181 fir-rigward ta` The Village). Infatti ghalkemm Debono sostna li l-ammonti li kellu jiehu, kienu nkluzi taht l-intestatura "*Other Creditors*", l-awditur Stefan Bonello Ghio xehed li l-ammonti kienu jinsabu taht l-intestatura "*Other Debtors*". L-atturi jaghmlu l-argument illi jekk l-*allotment* ta` l-ishma l-godda fiz-zewg kumpanniji intimati kienet il-konsiderazzjoni ghall-hlas lura lil Mario Debono tal-flus li hareg hu u dawn qed jidhru taht "*Other Debtors*", allura suppost illi dawk l-ammonti kellhom jonqsu fl-*accounts* tas-sena ta` wara taz-zewg kumpanniji.

Madanakollu, minn ezami ta` Dok SG 3 (fol 733) u SG 4 (fol 734) konsistenti fi *breakdown* tad-debituri tas-snin li ghalqu fl-2004 u fl-2005, jirrizulta li fir-rigward ta` The Village, fil-31 ta` Dicembru 2004, ma kien

hemm l-ebda ammont dovut lil Mario Debono, u fil-31 ta` Dicembru 2005, kien hemm ammont dovut lil Debono ta` Lm23,878.94, waqt li fil-kaz ta` Karizia, fil-31 ta` Marzu 2005, Mario Debono kellu jiehu Lm2,113,85 u fis-sena ta` wara dan l-ammont tela` ghal Lm30,612.55c. Jidher ghalhekk li l-ammonti gholew u mhux naqsu, wara li saret iz-zieda fil-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji intimati.

Debono jishaq fix-xiehda tieghu illi huwa kien jaghmel diversi depoziti bi flus kontanti sabiex isib tarf ta` problema ta` likwidita` li kellhom il-kumpannija bil-hsieb illi jigi rimborsat tal-hlasijiet li ghamel. Qaghad fuq id-dikjarazzjoni li ghamel Joseph Saliba fit-23 ta` Settembru 2007, qabel miet, fejn accetta li kien approprija ruhu minn flus tas-socjetajiet li hu u Debono kellhom flimkien.

**Nghaddu issa ghat-tieni raguni.**

Mario Debono jinsisti illi z-zieda fil-kapital azzjonarju tal-kumpanniji intimati saret peress li kien hemm pressjoni minghand il-banek rispettivi tal-kumpanniji intimati sabiex isir hekk.

Xehdu rapprezentanti tal-Bank of Valletta u ta` Lombard Bank.

Ir-rapprezentant ta` Bank of Valletta ipprezenta *sanction letter* (Dok BOV4 a fol 425 sa fol 428) li harget fid-19 ta` Frar 2005 favur Karizia fejn inghad li qabel jinghataw facilitajiet addizzjonali, il-kapital azzjonarju tal-kumpannija kellu jizdied ghal Lm30,000.

Ir-rapprezentant ta` Lombard Bank ipprezenta *sanction letter* (Dok MG2) datata 5 ta` Frar 2002 fejn il-bank accetta li jaghti facilita` ta` *overdraft* lil The Village bil-kundizzjoni li l-*paid up share capital* jizdied ghal ta` l-anqas Lm20,000. L-ewwel darba li kienet zieda fil-kapital azzjonarju kienet f` April 2002 ; din pero` mhijiex mertu tal-kawza odjerna.

Ir-rapprezentant ta` Lombard Bank kompla spjega illi fl-2005, huwa infurmat li kienet se ssir zieda ohra fil-kapital azzjonarju ta` The Village (dik mertu tal-kawza tal-lum) ghalkemm il-bank ma kien ghamel l-ebda talba f` dan is-sens.

Irrizulta illi minhabba mandat ta` sekwestru ta` terzi, Mario Debono kellu johrog cheque personali ghall-ammont ta` GBP 5080 sabiex seta` jkompli jigi operat l-*overdraft.*

Tajjeb li jkun rilevat illi iz-zewg banek kienu nfurmati fis-sens illi Maria Saliba ma kenitx sejra tibqa` taghmilha ta` garanti. Dan kellu l-effett li jgib insistenza min-naha tal-banek illi l-garanziji taghhom ikunu debitament ikkawtelati in vista tal-posizzjoni li kienet hadet Maria Saliba.

Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Awditur Stefan Bonello Ghio li l-kumpanniji kellhom problem ta` *cashflow* u li l-ftehim sar bil-ghan li jkunu riflessi il-*cash injections* li kien ghamel Debono matul is-snin.

Meqjus l-assjem ta` fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tqis li rrizulta li kien hemm problemi ta` likwidita` li gabu maghhom il-htiega li jizdied il-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji partikolarment Karizia.

**Daqstant ghar-ragunijiet.**

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jirreferu ghal **kwistjonijiet ohra** li – skont huma – jikkostitwixxu prova tal-*messa in scena* u l-"*qerq li bih agixxew Mario Debono u Joseph Saliba". (*ara l-punt 50 tan-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-atturi).

Dejjem skont l-atturi, Debono u Saliba agixxew b`qerq fl-istanzi li gejjin :-

a) Ighidu l-atturi illi sabiex jissoddisfaw il-htiega tar-Registratur tal-Kumpanniji li jara *deposit slips* qabel ma japprova zieda fil-kapital azzjonarju, Debono u Saliba hargu Lm25,000 mill-kontijiet tal-kumpaniji u tpoggew fil-kontijiet tal-istess kumpanniji sabiex effettivament hadd ma hareg xejn. Din il-manuvra giet gustifikata minn Debono meta stqarr li sar hekk sabiex ikunu semplicifikati l-*book entries* tal-kumpanniji.

b) Ighidu l-atturi li z-zieda fis-*share capital,* ghalkemm ma kinitx *cash injection*, kienet indikata bhala tali fil-Form H li kienet prezentata lir-Registratur tal-Kumpanniji (ara fol 202 u 203 fir-rigward ta` The Village, u fol 204 u 205 fir-rigward ta` Karizia). Il-konvenuti kkontrastaw dak li nghad mill-atturi billi ghamlu referenza ghax-xiehda ta` Stefan Bonello Ghio,

Emnauel Ellul u Steven Galea mnejn irrizulta li z-zieda saret b`*cash injection.*

c) Ighidu l-atturi illi l-manuvra li jizdied il-kapital azzjonarju taz-zewg kumpanniji intimati saret fl-istess gurnata minkejja li n-negozju tal-kumpanniji huwa wiehed distint.

d) Ighidu l-atturi illi l-verzjoni tal-konvenut Debono fis-sens li huwa kien izomm kultant xi notament dwar il-*cash injections* li kien jaghmel (bhalma jidher minn Dok MD 10 a fol 208) izda ma kienx jifformalizza bil-miktub il-*cash injections* li allegatament kien jaghmel fil-kumpanniji intimati u li kien joqghod fuq il-konteggi ta` Joseph Saliba meta waslu biex jaghmlu l-ftehim ta` kif ghandu jithallas lura mhijiex kredibbli partikolarment minn bniedem ta` negozju bhalma rrizulta li hu Mario Debono.

e) Ighidu l-atturi illi z-zieda fil-kapital azzjonarju tal-kumpanniji intimati saret gimghat biss wara li giet ipprezentata l-kawza ta` separazzjoni personali kontra Joseph Saliba u l-mandat ta` inibizzjoni kontra l-istess Joseph Saliba.

f) Ighidu l-atturi illi z-zieda fis-*share capital* sehhet biss fiz-zewg kumpanniji intimati li kienu l-unici li allegatament kellhom assi mmobblijari.

g) Ighidu wkoll l-atturi li kien hemm intransigenza tal-*accountant* tal-kumpanniji meta waqt li kien qed jaghmel ir-rikostruzzjoni tal-*accounts* snin wara li suppost kellhom jigu sottomessi lir-Registratur tal-Kumpanniji, qaghad wisq fuq informazzjoni li ghaddielu Mario Debono minflok dahal fid-dettal. Ighidu li naqas ukoll l-awditur li ma stharrigx min effettivament hareg il-flus sabiex kienet finanzjata z-zieda fis-*share capital* .

**Il-Qorti hasbet fit-tul u gharblet l-assjem tal-provi fil-kuntest tal-azzjoni promossa mill-atturi.**

**Tghid illi ghalkemm jirrizulta divarju evidenti fil-provi, hija tal-fehma illi l-azzjoni attrici <u>kif promossa</u> ma tistax tirnexxi. Il-kawza ntavolata mill-atturi hija l-azzjoni simulatorja, mhux azzjoni biex jigi dikjarat ftehim null minhabba qerq jew xi vizzju ta` kunsens.**

Ma kienx ippruvat kif trid il-ligi li kien hemm kolluzjoni bejn iz-zewg kontraenti.

Ghalkemm Joseph Saliba seta` kellu l-hsieb li jippregudika lill-atturi u Mario Debono seta` kellu f`mohhu li *jhaxxen butu* (kliem l-atturi fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom) ma kienx ippruvat illi Debono u Saliba ma ridux jaghmlu z-zieda fil-kapital azzjonarju.

**Simulazzjoni assoluta tippresupponi l-inesistenza tal-kuntratt *ab initio*. Fis-simulazzjoni ma jistax ikollok parti li taghti l-kunsens dwar in-negozju li verament trid bhalma jidher li huwa l-kaz fir-rigward ta` Mario Debono u l-parti l-ohra tissimula l-kunsens ghax tkun trid negozju iehor differenti. F`simulazzjoni assoluta, iz-zewg kontraenti jridu jkunu konxjament ftehmu bejniethom li jaghmlu att apparenti li fir-realta` ma jkun ifisser xejn. Fis-simulazzjoni assoluta, il-partijiet ma jkunu jridu jikkonkludu xejn. Dan certament li ma giex ippruvat.**

L-atturi ighidu hekk fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom :-

> *"din in-naha m` ghandhiex dubbji illi kemm l-intimat Mario Debono u kif ukoll id-defunt Joseph Saliba it-tnejn approffitaw ruhhom mit-talba tal-Bank of Valletta plc sabiex izidu s-share capital ta` Karizia Company Limited billi uzaw din l-istrategema fiz-zewg kumpanniji…halli jilhqu l-ghanijiet taghhom, wiehed li jhaxxen il-bwiet tieghu u l-iehor illi akkost ta` kollox jcahhad lill-martu kemm jista` jkun mill-proprjeta` taghha … wara l-mewt tal-partner tieghu Joseph Saliba, l-intimat Debono sab l-ambjent idejali … Sabiex ikompli jghatti kemm jista` jkun l-istrattegema li kienet inholqot b`qerq u bi pregudizzju kbir ghar-rikorrenti …*
>
> *l-ftehim (jew zewg ftehimi) li lahqu l-intimat Debono u d-decujus Saliba sabiex jghollu s-share capital fil-kumpanniji intimate kien milqut minn simulazzjoni assoluta ghaliex il-volonta` apparenti tal-partijiet (i.e. zieda fil-kapital sabix il-banek ikunu kuntenti u Debono jithallas tad-djun tieghu) kellu sinjifikat differenti minn dak li realment kellhom (i.e. zieda fil-kapital biss biex jigi evitat l-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni intavolat kontra Saliba sabiex Debono isir azzjonist ewlieni u b`hekk jigu ppregudikati d-drittijiet partimonajli tar-rikorrenti) meta ghamlu l-istess ftehim ;*

*Illi ghalhekk peress illi tali ftehim kellu kawza falza, dan ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ….”*

Il-bran citat huwa kongettura ghax mhux sostnut mill-principji li jirregolaw is-simulazzjoni assoluta. L-atturi qeghdin jikkontendu li l-ftehim li sar fir-rigward taz-zewg kumpanniji intimati sar sabiex kull azzjonista jilhaq l-ghan tieghu. Madanakollu l-punt jibqa` illi effettivament kemm Joseph Saliba kif ukoll Mario Debono riedu jaghmlu l-att, ghalkemm *forsi* ghal ragunijiet diversi.

Il-Qorti hija konvinta li Debono kien partecipi fil-ftehim ghax ried precizament dak li effettivament obbliga ruhu b`dak l-att u ma riedx jahbi ebda patt. Anke fir-rigward ta` Joseph Saliba, ma jistax jigi kkunsidrat li dan ma riedx jaghmel dak il-ftehim peress li skont l-argumentazzjoni ta` l-istess atturi, dan ried jaghmel din iz-zieda fil-kapital azzjonarju u t-tibdil drastiku fis-*shareholding* tal-kumpanniji biex b`hekk jippregudika l-interessi ta` l-atturi.

Ic-cirkostanzi elenkati mill-atturi fin-nota taghhom u li ghalihom saret referenza aktar kmieni u li fuqhom qed joqghodu l-atturi mhumiex prova ta` simulazzjoni, li hija l-azzjoni promossa mill-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet attrici, bil-konsegwenza li qeghda tichad il-bqija tat-talbiet attrici, ghar-raguni li rrilevat aktar kmieni tenut kont tan-natura tal-azzjoni promossa.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-azzjoni kif promossa mill-atturi James, Michael u Catherine ahwa Saliba stante li dawn cedew l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti kollha fil-mori tal-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Debono stante li din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta The Village Pharmacy Limited stante li din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Karizia Company Limited stante li din l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tichad it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Debono.**

**Tilqa` t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenut Mario Debono.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Mario Debono.**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuta The Village Pharmacy Limited.**

**Tichad it-tielet (3), ir-raba` (4), u l-hames (5) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta The Village Pharmacy Limited.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuta The Village Pharmacy Limited.**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuta Karizia Company Limited.**

**Tichad it-tielet (3), ir-raba` (4) u l-hames (5) eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta Karizia Company Limited.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuta Karizia Company Limited.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tas-Socjetajiet.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-atturi Maria Saliba u Michael Debono fil-kwalita` tieghu premessa.**

**Tordna lill-atturi kollha sabiex ihallsu l-ispejjez tal-konvenut Registratur tas-Socjetajiet.**

**Ghar-rigward tal-ispejjez l-ohra, tordna lill-atturi kollha sabiex ibatu l-ispejjez taghhom, u tordna lill-konvenuti Mario Debono, The Village Pharmacy Limited u Karizia Company Limited sabiex ibatu l-ispejjez taghhom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**